KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fis-16 ta' Lulju 2020 [1]

Kawża C-352/19 P

Région de Bruxelles-Capitale
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Regolament (KE) Nru 1107/2009 — Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti — Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2324 — Sustanza attiva glifosat — Artikolu 263 TFUE — *Locus standi* tar-rikorrenti privati — Interess dirett — Artikolu 4(2) TUE — Reġjuni tal-Istati Membri — Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus — Interpretazzjoni konformi — Interess individwali — Att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni"

I. Introduzzjoni

1. Entità ffederata ta' Stat Membru, li skont il-kostituzzjoni ta' dan l-Istat għandha l-kompetenza li tipproteġi l-ambjent, u li fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza tipprojbixxi l-użu tal-glifosat fit-territorju tagħha, minħabba li tikkunsidra din is-sustanza attiva bħala perikoluża, hija *kkonċernata direttament* mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (UE) 2017/2324 [2] li jġedded l-approvazzjoni ta' din l-istess sustanza attiva, billi jiddikjaraha effettivament sigura?

2. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li tali reġjun, f'din il-kawża r-Région de Bruxelles-Capitale (ir-Reġjun ta' Brussell, il-Belġju), ma huwiex ikkonċernat direttament b'miżura tal-Unjoni Ewropea bħal din. Hija għaldaqstant iddikjarat ir-rikors għall-annullament ippreżentat minn dan ir-reġjun bħala inammissibbli [3]. Jiena tal-fehma li, billi ċaħdet il-*locus standi* lir-Région de Bruxelles-Capitale, il-Qorti Ġenerali żbaljat fid-dritt, billi interpretat b'mod żbaljat ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif ukoll numru ta' dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju applikabbli.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2324 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2017, L 333, p. 10) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat").

3 Digriet tat-28 ta' Frar 2019, Région de Bruxelles-Capitale vs Il-Kummissjoni (T-178/18, mhux ippubblikat, EU:T:2019:130, iktar 'il quddiem id-"digriet appellat").

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali

3. L-Artikolu 2(2) u (4) tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005[4] (iktar 'il quddiem, il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"), li jinkludi d-definizzjonijiet, jistabbilixxi:

"Għall-finijiet ta' din il-konvenzjoni:

[…]

2. L-espressjoni 'awtorità pubblika' tfisser:

(a) l-amministrazzjoni pubblika fuq livell nazzjonali jew reġjonali jew f'livell ieħor;

(b) il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jeżerċitaw, skont id-dritt intern, funzjonijiet amministrattivi pubbliċi, inklużi kompiti, attivitajiet jew servizzi partikolari konnessi mal-ambjent;

(c) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li tassumi responsabbiltajiet jew funzjonijiet pubbliċi jew li tipprovdi servizzi pubbliċi konnessi mal-ambjent taħt l-awtorità ta' korp jew ta' persuna li taqa' fil-kategoriji msemmija fil-punti (a) u (b) iktar 'il fuq;

[…]

4. Il-kelma 'pubbliku' tfisser persuna fiżika jew ġuridika waħda jew iktar u, konformement mal-leġiżlazzjoni jew mal-użanza tal-pajjiż, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi mwaqqfa minn dawn il-persuni" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4. L-Artikolu 9(3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li jikkonċerna l-aċċess għall-ġustizzja, jistabbilixxi:

"3. […] kull Parti għandha tiżgura li l-membri tal-pubbliku li jissodisfaw il-kriterji eventwalment previsti mid-dritt intern tagħha jkunu jistgħu jiftħu proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jikkontestaw l-atti jew l-ommissjonijiet ta' individwi jew ta' awtoritajiet pubbliċi li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar l-ambjent.

4. […] il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 iktar 'il fuq għandhom joffru rimedji suffiċjenti u effettivi, inkluż rimedju permezz ta' ordni jekk ikun il-każ, u dawn ir-rimedji għandhom ikunu oġġettivi, ekwi u rapidi, mingħajr ma jkunu jinvolvu spejjeż projbittivi. […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 ĠU 2006, L 164M, p. 17.

B. Id-dritt tal-Unjoni

5. Permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/99/KE tal-20 ta' Novembru 2001 li temenda l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludu l-glifosat u t-tifensulfuron-metil bħala sustanzi attivi [5], is-sustanza attiva glifosat ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [6] u għaldaqstant ġiet approvata skont din l-aħħar direttiva, b'effett mill-1 ta' Lulju 2002.

6. Id-Direttiva 91/414 ġiet imħassra, b'effett mill-14 ta' Ġunju 2011 u suġġett għal ċerti miżuri tranżitorji, mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414 [7].

7. Il-premessi 10, 23 u 29 tar-Regolament Nru 1107/2009 jistabbilixxu:

"(10) Is-sustanzi għandhom jiġu inklużi biss fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn ikun intwera li huma ta' benefiċċju ċar għall-produzzjoni tal-pjanti u li mhumiex mistennija jkollhom xi effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew xi effett inaċċettabbli fuq l-ambjent. Sabiex jinkiseb l-istess livell ta' protezzjoni fl-Istati Membri kollha, id-deċiżjoni dwar l-aċċettabbiltà jew in-nuqqas ta' aċċettabbiltà ta' sustanzi bħal dawn għandha tittieħed fuq livell Komunitarju abbażi ta' kriterji armonizzati. Dawn il-kriterji għandhom jiġu applikati għall-ewwel approvazzjoni ta' sustanza attiva skont dan ir-Regolament. Għas-sustanzi attivi li diġà ġew approvati, il-kriterji għandhom jiġu applikati fil-ħin tat-tiġdid jew tar-reviżjoni tal-approvazzjoni tagħhom.

[…]

(23) […] L-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom għalhekk jingħataw mill-Istati Membri.

[…]

(29) Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku huwa wieħed mill-mezzi li bih jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija fil-Komunità. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-industrija u għall-Istati Membri u biex tiġi prevista disponibbiltà iktar armonizzata tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-awtorizzazzjonijiet mogħtija minn Stat Membru wieħed għandhom ikunu aċċettati mill-Istati Membri l-oħra fejn il-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u ambjentali (inkluż dawk klimatiċi) ikunu komparabbli. Għalhekk, il-Komunità għandha tiġi maqsuma f'żoni b'tali kondizzjonijiet komparabbli sabiex ikun iffaċilitat tali rikonoxximent reċiproku. Madankollu, iċ-ċirkostanzi ambjentali jew agrikoli speċifiċi għat-territorju ta' Stat Membru wieħed jew iżjed jistgħu jirrekjedu li, mal-applikazzjoni, l-Istati Membri jirrikonoxxu jew jemendaw awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor, jew jirrifjutaw li jawtorizzaw il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fit-territorju tagħhom, fejn dan ikun ġustifikat bħala riżultat taċ-ċirkostanzi ambjentali jew agrikoli speċifiċi […]".

8. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 20(2), tar-Regolament Nru 1107/2009 jipprevedi, fil-parti rilevanti, li "[f]'każ li tiġi rtirata l-approvazzjoni jew jekk l-approvazzjoni ma tiġix imġedda minħabba tħassib immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew għas-saħħa tal-annimali jew tal-ambjent, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati għandhom jiġu rtirati mis-suq minnufih."

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 34, p. 182.

6 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332.

7 ĠU 2009, L 309, p. 1.

9. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 36(3), tar-Regolament Nru 1107/2009, fil-parti rilevanti, jistabbilixxi:

"Meta t-tħassib ta' Stat Membru dwar is-saħħa tal-bniedem jew l-annimali jew tal-ambjent ma jistax ikun ikkontrollat billi jiġu stabbiliti l-miżuri nazzjonali ta' tnaqqis tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu, Stat Membru jista' jirrifjuta l-awtorizzazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fit-territorju tiegħu jekk, minħabba ċ-ċirkostanzi ambjentali jew agrikoli speċifiċi tiegħu, huwa għandu raġunijiet sostanzjati biex iqis li l-prodott in kwistjoni għadu joħloq riskju serju jew inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew tal-ambjent."

10. L-Artikolu 40(1) tar-Regolament Nru 1107/2009 jipprevedi:

"Id-detentur ta' awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 29 jista' japplika għal awtorizzazzjoni għall-istess prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, l-istess użu u taħt il-prattiki agrikoli komparabbli fi Stat Membru ieħor skont il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku, prevista f'din is-subtaqsima, fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-awtorizzazzjoni ngħatat minn Stat Membru (l-Istat Membru ta' referenza) li jappartjeni għall-istess żona;

[…]"

11. L-Artikolu 41(1) tal-istess regolament jipprovdi:

"L-Istat Membru li lilu tiġi ppreżentata applikazzjoni skont l-Artikolu 40 għandu […] kif inhu xieraq b'rigward għaċ-ċirkostanzi fit-territorju tiegħu, jawtorizza l-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-Istat Membru li jeżamina l-applikazzjoni, ħlief meta japplika l-Artikolu 36(3)."

12. L-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 1107/2009 jipprevedi:

"1. Awtorizzazzjoni għandha tiġġedded wara applikazzjoni mid-detentur tal-awtorizzazzjoni, bil-kondizzjoni li r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 29 għadhom qed jiġu ssodisfatti.

[…]

5. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti mhux iktar tard minn tnax-il xahar wara t-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva, tal-aġent protettiv jew tas-sinerġist li jkun fih.

6. Fejn, għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tad-detentur tal-awtorizzazzjoni, ma tittieħdet l-ebda deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni qabel l-iskadenza tagħha, l-Istat Membru kkonċernat għandu jestendi l-awtorizzazzjoni għall-perijodu meħtieġ sabiex ikun ikkompletat l-eżami u tiġi adottata deċiżjoni dwar it-tiġdid."

13. L-Artikolu 78(3) tar-Regolament Nru 1107/2009 kien jipprevedi l-adozzjoni ta' regolament li jinkludi l-lista tas-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414, peress li dawn is-sustanzi huma meqjusa approvati skont ir-Regolament Nru 1107/2009.

14. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati [8] adotta l-lista prevista mill-Artikolu 78(3) tar-Regolament Nru 1107/2009. Il-glifosat kien inkluż f'din il-lista, b'data ta' skadenza tal-perijodu ta' approvazzjoni tal-31 ta' Diċembru 2015.

15. Ġiet ippreżentata applikazzjoni għat-tiġdid ta' din l-approvazzjoni fil-perijodu stabbilit. Sussegwentement, il-Kummissjoni estendiet il-perijodu għall-approvazzjoni tal-glifosat darbtejn, abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1107/2009, minħabba li l-proċedura tat-tiġdid ġiet imdewma [9].

16. Fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni adottat ir-regolament ikkontestat, u ġeddet l-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, sal-15 ta' Diċembru 2022.

C. Id-dritt Belġjan

17. Skont l-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni tar-Renju tal-Belġju, "Il-Belġju huwa Stat federali kompost minn Komunitajiet u Reġjuni". Skont l-Artikolu 3 tal-Kostituzzjoni, "Il-Belġju jinkludi tliet Reġjuni: ir-Reġjun ta' Vlaanderen, ir-Reġjun ta' Wallonie u r-Reġjun ta' Brussell."

18. Skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni: "Il-liġi tassenja lill-korpi reġjonali li toħloq u li huma komposti minn rappreżentanti eletti l-kompetenza li jiġġestixxu l-kwistjonijiet li hija tiddetermina […] fil-kamp ta' applikazzjoni u skont il-mod stabbilit b'liġi. […]"

19. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1)(II) tal-Loi spéciale de réformes institutionnelles (il-Liġi Speċjali dwar Riformi Istituzzjonali tat-8 ta' Awwissu 1980) (iktar 'il quddiem "il-Liġi Speċjali") [10], il-kwistjonijiet li għandhom jiġu ġġestiti mir-reġjuni jinkludu "l-protezzjoni tal-ambjent, b'mod partikolari dik tal-ħamrija, is-sottoswol, l-ilma u l-arja kontra t-tniġġis u l-aggressjoni […]". Skont din id-dispożizzjoni, ir-reġjuni huma kompetenti li jirregolaw l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fit-territorji rispettivi tagħhom.

20. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1)(II), tal-Liġi Speċjali, l-awtorità federali hija kompetenti sabiex "tistabbilixxi standards ta' prodotti". Hija għaldaqstant l-awtorità federali li teżamina l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u tagħti dawn l-awtorizzazzjonijiet, skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament Nru 1107/2009. Madankollu, skont is-subparagrafu 1 tal-Artikolu 6(4), tal-Liġi Speċjali, ir-reġjuni huma involuti fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza.

21. L-Artikolu 7 tal-Arrêté royal relative à la conservation, à la mise sur le marché et à l'utilisation des pesticides à usage agricole (id-Digriet Irjali Belġjan tat-28 ta' Frar 1994 dwar il-konservazzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' pestiċidi għal użu agrikolu) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali") [11] jistipula li huwa pprojbit li pestiċida titqiegħed fis-suq, li tiġi ppreparata, ittrasportata, importata, offruta, eżebita, offruta għall-bejgħ, miżmuma, akkwistata jew użata għal użu agrikolu li ma ġiex preċedentement awtorizzat mill-Ministru. Skont l-Artikolu 8 ta' dan id-digriet, "il-Ministru jew uffiċjal

8 ĠU 2011, L 153, p. 1, rettifika fil-ĠU 2012, L 26, p. 38.

9 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1885 tal-20 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi […] Glifosat […] (ĠU 2015, L 276, p. 48); u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1056 tad-29 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat (ĠU 2016, L 173, p. 52).

10 Moniteur Belge tal-15 ta' Awwissu 1980, p. 9434.

11 Moniteur Belge tal-11 ta' Mejju 1994, p. 12504.

magħżul għal dan l-għan mill-Ministru għandu jagħti l-awtorizzazzjoni fuq il-parir tal-[Kumitat ta' Approvazzjoni msemmi fl-Artikolu 9]". Skont l-Artikolu 9 tad-Digriet Irjali, il-Kumitat ta' Approvazzjoni huwa kompost minn 12-il membru maħtura mill-Ministru, inkluż "espert mir-Reġjun ta' Brussell, ippreżentat mill-Ministru-President tar-Région de Bruxelles-Capitale".

22. Fl-20 ta' Ġunju 2013, ir-Région de Bruxelles-Capitale adotta d-Digriet dwar l-Użu Sostenibbli ta' pestiċidi fir-Région de Bruxelles-Capitale (iktar 'il quddiem id-"Digriet tal-2013")[12]. Skont l-Artikolu 1(1), dan id-digriet jittrasponi d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb l-użu sostenibbli tal-pestiċidi[13]. Skont l-Artikolu 1(3), ir-Région de Bruxelles-Capitale "jista' jidentifika pestiċidi li l-użu tagħhom huwa pprojbit minħabba r-riskji li għandhom għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent".

23. Fl-10 ta' Novembru 2016, ir-Région de Bruxelles-Capitale adotta, abbażi tad-Digriet tal-2013, id-Digriet li jipprojbixxi l-użu ta' pestiċidi li jinkludu l-glifosat fir-Région de Bruxelles-Capitale (iktar 'il quddiem id-"Digriet tal-2016")[14]. L-Artikolu 1 tad-Digriet tal-2016 jistabbilixxi: "L-użu ta' kwalunkwe pestiċida li jinkludi l-glifosat fit-territorju tar-Région de Bruxelles-Capitale huwa pprojbit".

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

24. Fit-8 ta' Marzu 2018, ir-Région de Bruxelles-Capitale ppreżenta rikors għall-annullament tar-regolament ikkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali. Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-Région de Bruxelles-Capitale invoka żewġ motivi.

25. L-ewwel nett, ir-Région de Bruxelles-Capitale allega ksur tal-obbligu li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Dan sostna li r-Regolament 2017/2324 huwa bbażat fuq evalwazzjoni xjentifika ta' riskji għas-saħħa u l-ambjent li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-prinċipju ta' prekawzjoni. Il-Kummissjoni naqset milli twettaq evalwazzjoni ta' politika u ta' ġestjoni ta' riskju li josservaw il-prinċipju ta' prekawzjoni.

26. It-tieni nett, ir- Région de Bruxelles-Capitale allega ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Ir-regolament ikkontestat tqies li huwa internament inkonsistenti. Ir-Région de Bruxelles-Capitale sostna li l-preambolu u l-artikoli ta' dan ir-regolament jissuġġerixxu li l-glifosat ma għandux effetti dannużi fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew kwalunkwe effett inaċċettabbli fuq l-ambjent, filwaqt li d-dispożizzjonijiet speċifiċi inklużi fl-Anness I ta' dan ir-regolament jimplikaw l-eżistenza ta' tali effetti.

27. Fit-28 ta' Frar 2019, permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ddikjarat ir-rikors imressaq mir-Région de Bruxelles-Capitale bħala inammissibbli minħabba nuqqas ta' *locus standi*. B'mod iktar speċifiku, din il-qorti ddeċidiet li r-Reġjun ta' Brussell ma kienx *direttament ikkonċernat* mir-regolament ikkontestat, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

28. Fl-appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentat fl-1 ta' Mejju 2019, ir-Région de Bruxelles-Capitale jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara l-appell bħala ammissibbli u fondat, tannulla d-digriet appellat, tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament ippreżentat mir-rikorrent, tirreferi l-kawża lura lill-Qorti Ġenerali u tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

29. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad ir-rikors u sabiex tikkundanna lir-Région de Bruxelles-Capitale għall-ispejjeż.

12 Moniteur Belge tal-21 ta' Ġunju 2013, p. 40062.

13 ĠU 2009, L 309, p. 71, rettifika fil-ĠU 2010, L 161, p. 11.

14 Moniteur Belge tat-2 ta' Diċembru 2016, p. 79492.

IV. Evalwazzjoni

30. Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, l-ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika kontra att li mhux indirizzat lilu jew lilha tista' tirriżulta f'żewġ sitwazzjonijiet. L-ewwel nett, tali proċeduri jistgħu jitressqu jekk l-att ikun ta' interess dirett u individwali għal din il-persuna. It-tieni nett, hija tista' tressaq proċeduri kontra att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni jekk dan l-att ikun ta' interess dirett għaliha.

31. Fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-*locus standi* tal-appellant fl-ebda waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet. L-analiżi tal-Qorti Ġenerali ntemmet meta hija kkonstatat li l-appellant ma kienx *direttament ikkonċernat* bir-regolament ikkontestat, peress li din il-kundizzjoni hija komuni għaż-żewġ sitwazzjonijiet previsti iktar 'il fuq.

32. Fl-appell tiegħu, l-appellant jikkontesta din il-konstatazzjoni, u jinvoka aggravju wieħed li jikkonsisti f'allegat żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ eċċezzjonijiet. L-ewwel waħda, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat billi interpretat ħażin, u għalhekk ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod xieraq, l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. It-tieni waħda, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa, minħabba interpretazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni (b'mod partikolari, ir-Regolament Nru 1107/2009), dwar il-punt sa fejn l-appellant ġie affettwat mir-regolament ikkontestat.

33. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. Ser nibda l-analiżi tiegħi bit-tieni eċċezzjoni tal-appellant li tikkonċerna l-allegata interpretazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, bir-riżultat ta' applikazzjoni żbaljata tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE (A). Wara li nikkonkludi li l-argumenti tal-appellant f'dan ir-rigward huma fondati, ser imbagħad neżamina fil-qosor l-ewwel eċċezzjoni għall-fini ta' kompletezza (B). Sussegwentement, ser nieħu l-opportunità sabiex nagħmel xi kummenti ġenerali dwar l-interpretazzjoni indebitament restrittiva tal-kundizzjonijiet dwar il-*locus standi*, li l-applikazzjoni awtomatika u kemxejn formalistika tagħhom għall-istanzi partikolari ta' reġjuni jew entitajiet oħra ffederati tal-Istati Membri twassal għal riżultati dubjużi ħafna, kif muri b'mod ċar b'dan l-appell (C). Finalment, ser ngħaddi għall-konsegwenzi tal-evalwazzjoni tal-appell (D).

A. It-tieni eċċezzjoni: interpretazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni Ewropea

34. Ser nibda l-evalwazzjoni tal-appell bit-tieni eċċezzjoni tal-appellant. Din il-parti tal-appell mhux biss hija diskussa iżjed fil-fond mill-partijiet fis-sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, iżda hija wkoll tqajjem ċerti kwistjonijiet ta' importanza kostituzzjonali.

35. Wara li nistabbilixxi l-argumenti tal-partijiet (1), l-ewwel nett ser infakkar il-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' "interess dirett" (2). Imbagħad, ser niffoka iktar speċifikament fuq kif dan il-kunċett ġie applikat fir-rigward ta' reġjuni u entitajiet lokali oħra (3). Dan ser jipprovdi l-isfond li fih ser nevalwa l-merti tal-argumenti tal-appellant (4).

1. L-argumenti tal-partijiet

36. Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-appellant isostni li l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li huwa ma huwiex direttament ikkonċernat mir-regolament ikkontestat tirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE b'rabta mal-Artikolu 20(2), Artikolu 32(1), Artikolu 36(3), Artikolu 41(1) u l-Artikolu 43(5) u (6) tar-Regolament Nru 1107/2009.

37. Kritika preliminari u ġenerali mill-appellant tikkonċerna allegat nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, ta' wħud mill-argumenti mressqa dwar l-ammissibbiltà fl-ewwel istanza. Essenzjalment, l-appellant kien argumenta li huwa ġie direttament affettwat mir-regolament ikkontestat b'żewġ modi: (i) minħabba l-kompetenza tiegħu li jirregola l-użu tal-pestiċidi fit-territorju tiegħu, u (ii) minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċeduri, imwettqa fil-livell federali fil-Belġju, dwar it-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Madankollu, fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali b'mod ġenerali injorat l-ewwel aspett, billi ffukat biss fuq it-tieni aspett. Għaldaqstant, uħud mill-argumenti tal-appellant ma ġewx indirizzati.

38. It-tieni nett, l-appellant jikkritika l-punti 50 sa 55 tad-digriet appellat: it-tiġdid tal-approvazzjoni tal-glifosat kellha l-effett immedjat li *tikkonserva l-validità* ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti sabiex prodotti li fihom il-glifosat jitqiegħdu fis-suq. Ir-regolament ikkontestat ippermetta li tali awtorizzazzjonijiet ikomplu jkollhom effett, filwaqt li, fl-assenza ta' tiġdid, dawn l-awtorizzazzjonijiet kienu jkunu *ipso facto* skadew.

39. It-tielet nett, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat, fil-punti 56 sa 59 tad-digriet appellat, meta ċaħdet l-argument tiegħu li huwa kien direttament affettwat bir-regolament ikkontestat, minħabba li huwa marbut li jipparteċipa fil-proċeduri nazzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet. Id-deċiżjoni finali tittieħed mill-ministru federali kompetenti wara li jisma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Approvazzjoni tal-Pestiċidi għal Użu Agrikolu (iktar 'il quddiem il-"Kumitat ta' Approvazzjoni") li l-appellant għandu jkun membru tiegħu.

40. Ir-raba' nett, l-appellant jikkritika l-motivi li abbażi tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punti 60 sa 63 tad-digriet appellat, l-argument tiegħu li, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku prevista fir-Regolament Nru 1107/2009, l-effett tar-regolament ikkontestat huwa li jinnewtralizza l-kapaċità tal-Kumitat ta' Approvazzjoni, u konsegwentement il-kapaċità tiegħu stess, li jopponi l-kummerċjalizzazzjoni ta' kwalunkwe prodott li fih il-glifosat, jekk dan il-prodott diġà ġie awtorizzat fi Stat Membru ieħor. Ir-regolament ma jħalli l-ebda lok għal ebda setgħa diskrezzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali, billi jirregola b'mod eżawrjenti l-kwistjoni ta' jekk il-glifosat huwiex konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 1107/2009. Għalhekk, ir-regolament ikkontestat jagħti lok, awtomatikament, għal drittijiet għall-produtturi u obbligi korrispondenti għall-awtoritajiet pubbliċi.

41. Il-ħames nett, l-appellant jikkontesta l-motivi, stabbiliti fil-punti 66 sa 77 tad-digriet appellat, li abbażi tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tiegħu bbażat fuq l-effetti tar-regolament ikkontestat fuq il-legalità tad-Digriet tal-2016. L-appellant jikkunsidra li l-Qorti Ġenerali kkonfondiet il-kriterji sabiex jiġi stabbilit "interess dirett" ma' dawk sabiex jiġi stabbilit "interess individwali", billi applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni. L-appellant isostni li, minħabba dan l-iżball, il-Qorti Ġenerali naqset milli tapprezza li r-regolament ikkontestat jikkompromett l-validità u l-effettività tad-Digriet tal-2016.

42. Il-Kummissjoni tiddefendi d-digriet appellat. Skont il-Kummissjoni, l-effetti prodotti mir-regolament ikkontestat fuq il-pożizzjoni tal-appellant ma humiex *diretti* minħabba li deċiżjoni tal-awtorità federali hija meħtieġa sabiex tiġi awtorizzata t-tqegħid fis-suq tal-prodotti li fihom il-glifosat.

43. Il-Kummissjoni tafferma li l-parteċipazzjoni tal-appellant fil-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tirriżulta biss mid-dritt nazzjonali. Hija għalhekk irrilevanti għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni kkontestata bl-ebda mod ma tiċħad lill-appellant mid-dritt tiegħu li jipparteċipa, f'kapaċità konsultattiva, fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni Belġjani.

44. Skont il-Kummissjoni, il-punt 61 tad-digriet appellat jistabbilixxi korrettement li, anki fil-każ ta' applikazzjoni għal rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni li diġà ngħatat, Stat Membru ma huwiex awtomatikament meħtieġ li jagħti l-awtorizzazzjoni u għaldaqstant ma huwiex miċħud mid-diskrezzjoni kollha. Il-kritika tal-appellant ibbażata fuq l-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 1107/2009 hija wkoll, skont il-Kummissjoni, mhux xierqa. Din id-dispożizzjoni teħtieġ li detenturi ta' awtorizzazzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni japplikaw għat-tiġdid tagħhom, u teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu deċiżjoni fir-rigward ta' dawn l-applikazzjonijiet għal tiġdid f'perijodu speċifiku.

45. Il-Kummissjoni tikkunsidra, finalment, li l-Qorti Ġenerali interpretat korrettement il-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni Ewropea dwar il-*locus standi*, u ma kkonfondietx iż-żewġ rekwiżiti ta' interess dirett u individwali. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet li l-qrati nazzjonali jistgħu jieħdu dwar il-legalità tad-Digriet tal-2016 ma humiex attribwibbli għar-regolament ikkontestat.

2. Kummenti ġenerali dwar il-kunċett ta' "interess dirett"

46. Sabiex l-argumenti mressqa mill-partijiet jiġu evalwati b'mod xieraq, huwa utli li jitfakkar li rikorrent ikun "ikkonċernat" b'att tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, fejn is-sitwazzjoni *legali* tiegħu jew tagħha tiġi affettwata b'dan l-att. Dan huwa hekk meta l-pussess, mir-rikorrent, ta' drittijiet u obbligi, ta' natura privata jew pubblika, jiġi mibdul [15].

47. Madankollu, dan l-appell jikkonċerna l-kunċett ta' "interess dirett". Skont ġurisprudenza stabbilita, "il-kundizzjoni li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun ikkonċernata direttament mid-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors, kif prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, teħtieġ li *żewġ kriterji* jkunu ssodisfatti *fl-istess ħin*, jiġifieri li l-miżura kkontestata, minn naħa, *tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tal-individwu* u, min-naħa l-oħra, ma tħalli *ebda setgħa diskrezzjonali* lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha, liema implimentazzjoni tkun ta' natura purament awtomatika u tirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni stess, mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra" [16].

48. Dan ifisser, essenzjalment, li l-effetti legali tal-att ikkontestat għandhom jiġu prodotti mill-att innifsu, *awtomatikament*, mingħajr ma tkun neċessarja għal dan l-effett l-adozzjoni sussegwenti ta' kwalunkwe miżura oħra, la mill-Unjoni u lanqas mill-Istati Membri [17]. Għaldaqstant, il-kundizzjoni ta' interess dirett tiġi ssodisfatta meta l-eżistenza ta' *rabta kawżali diretta* bejn l-att tal-Unjoni kkontestat u t-tibdil fis-sitwazzjoni legali tar-rikorrent tkun tista' tiġi stabbilita. Il-kundizzjoni ta' interess dirett ma tiġix issodisfatta jekk hemm kwalunkwe intervent ulterjuri, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali, li jista' jikser din ir-rabta [18].

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 1990, Weddel vs Il-Kummissjoni (C-354/87, EU:C:1990:371, punt 23) u d-digriet tal-10 ta' Settembru 2002, Japan Tobacco u JT International vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-223/01, EU:T:2002:205, punt 50). Għal diskussjoni akkademika, ara pereżempju Barents, R., *Remedies and Procedures before the EU Courts*, Kluwer Law International, Alphen aan den Rijn, 2016, p. 238. B'kuntrast, l-effetti ta' att tal-Unjoni fuq l-interessi tar-rikorrent li ma humiex legalment protetti ma humiex rilevanti skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE: ara, pereżempju, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2004, Front national vs Il-Parlament (C-486/01 P, EU:C:2004:394, punti 35 u 36).

16 Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). Enfasi miżjuda minni.

17 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-5 ta' Novembru 2019, BĊE *et* C-665/17 P, u C-669/17P, vs Trasta Komercbanka *et* (C-663/17 P, EU:C:2019:923, punt 103), u tad-29 ta' Ġunju 2004, Front national vs Il-Parlament (C-486/01 P, EU:C:2004:394, punt 34).

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' April 1995, CCE Vittel vs Il-Kummissjoni (T-12/93, EU:T:1995:78, punt 58). Fl-istudji legali, ara, pereżempju, Schermers, H.G., Waelbroeck, D., *Judicial Protection in the European Union*, is-sitt edizzjoni, Kluwer Law International, Alphen aan den Rijn, 2001, p. 914; Albors Llorens, A., *Private Parties in European Community Law: Challenging Community Measures*, Clarendon Press, Oxford, 1996, p. 73; u Mariatte, F., Ritleng, D., *Contentieux de l'union européenne 1: Annulation. Exception d'"llégalité*, Lamy, Paris, 2010, p. 179.

49. Fl-applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti iktar 'il fuq, il-qrati tal-Unjoni okkażjonalment, iżda mhux dejjem, ċaħdu interpretazzjoni riġida żżejjed taż-żewġ kriterji għal interess dirett. Il-qrati tal-Unjoni ġieli ħarsu lil hinn mill-velu tal-apparenzi, billi ċaħdu l-sofiżmi sostnuti mill-istituzzjonijiet konvenuti, sabiex jiġi evalwat *in concreto* l-mod li bih l-att tal-Unjoni kkontestat kellu impatt fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrent [19]. Għaldaqstant, l-analiżi tagħhom iffukat fuq jekk l-att inkwistjoni rrestrinġiex id-drittijiet sostantivi [20] jew proċedurali [21] tar-rikorrenti, jew skattatx ċerti obbligi għalihom [22].

50. Preliminarjament, il-kriterju relatat mal-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni ma jfissirx li *kwalunkwe* att ta' implimentazzjoni immedjatament u neċessarjament jeskludi interess dirett. B'mod partikolari, il-qrati tal-Unjoni kkonstataw li l-kundizzjoni ta' interess dirett ġiet issodisfatta fejn miżura ta' implimentazzjoni tal-Unjoni jew nazzjonali kienet teżisti iżda, fir-realtà, l-awtoritajiet tal-Unjoni jew dawk nazzjonali ma kellhom l-ebda diskrezzjoni ġenwina dwar il-mod li bih l-att prinċipali kellu jiġi implimentat [23].

51. Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat interess dirett f'ċirkustanzi fejn l-att tal-Unjoni inkwistjoni kien jirregola b'mod eżawrjenti l-mod li bih l-awtoritajiet nazzjonali kellhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom [24] jew ir-riżultat li għandu jinkiseb [25], fejn ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali kien estremament minuri u ta' natura klerikali [26] jew purament mekkaniku [27], u fejn l-Istati Membri kienu prinċipalment qegħdin jadottaw miżuri anċillari ulterjuri għall-att tal-Unjoni inkwistjoni [28], anki meta dawn il-miżuri ġew espressament previsti fl-att tal-Unjoni inkwistjoni [29].

52. Barra minn hekk, il-qrati tal-Unjoni ddikjaraw ukoll li l-kwistjoni jekk rikorrent huwiex direttament ikkonċernat b'miżura tal-Unjoni li ma hijiex indirizzata lilu għandha tiġi eżaminata wkoll "fid-dawl tal-għan ta' din il-miżura" [30]. Dan ifisser li huwa irrilevanti jekk effetti *oħra* tal-att tal-Unjoni kkontestat jistgħux jiġu fis-seħħ biss permezz tal-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni, sal-punt li l-effetti invokati mir-rikorrent jirriżultaw direttament u awtomatikament minn dan l-att [31].

19 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 1998, Glencore Grain vs Il-Kummissjoni (C-404/96 P, EU:C:1998:196, punti 38 sa 54).

20 Ara s-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 50), u tal-10 ta' Marzu 2020, IFSUA vs Il-Kunsill (T-251/18, EU:T:2020:89, punt 51).

21 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Marzu 1994, Air France vs Il-Kummissjoni (T-3/93, EU:T:1994:36, punt 80), u tat-3 ta' April 2003, Royal Philips Electronics vs Il-Kummissjoni (T-119/02, EU:T:2003:101, punti 284 u 285).

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2015, Hitachi Chemical Europe *et* vs ECHA (T-135/13, EU:T:2015:253, punti 29 sa 38).

23 Ara, fost oħrajn, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Koninklijke FrieslandCampina (C-519/07 P, EU:C:2009:556, punt 49).

24 Ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 1990, Weddel vs Il-Kummissjoni (C-354/87, EU:C:1990:371, punt 19).

25 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159, punt 62).

26 Ara s-sentenza tat-13 ta' Mejju 1971, International Fruit Company *et* vs Il-Kummissjoni (41/70 sa 44/70, EU:C:1971:53, punti 23 sa 26).

27 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Settembru 2000, Starway vs Il-Kunsill (T-80/97, EU:T:2000:216, punti 61 sa 65), u tal-1 ta' Lulju 2009, ISD Polska *et* (T-273/06 u T-297/06, EU:T:2009:233, punt 68).

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1994, Fiskano vs Il-Kummissjoni (C-135/92, EU:C:1994:267, punt 27).

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Microban International u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (T-262/10, EU:T:2011:623, punt 29).

30 Sentenza tat-3 ta' April 2003, Royal Philips Electronics vs Il-Kummissjoni (T-119/02, EU:T:2003:101, punt 276).

31 *Ibid.*, punti 277 sa 281.

53. Approċċ simili ġie adottat fir-rigward tal-kriterju li l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni ma għandhom l-ebda diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tal-att tal-Unjoni inkwistjoni. Dan ir-rekwiżit ukoll ġieli ġie evalwat b'livell xieraq ta' realiżmu. Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement aċċettat li l-interess dirett jeżisti "meta l-possibbiltà tad-destinatarji li ma jsegwux l-att inkwistjoni tkun *biss ipotetika*, peress li ma jkun hemm ebda dubju dwar *l-intenzjoni tagħhom* li jaġixxu b'mod konformi għal dan l-att" [32]. Dan il-prinċipju jeħtieġ, f'kull każ, evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi kollha, sabiex jiġi vverifikat jekk l-implimentazzjoni tal-att tal-Unjoni inkwistjoni hijiex ċerta [33].

54. Il-Qorti Ġenerali ġabret il-loġika li fuqha hija bbażata din il-ġurisprudenza b'mod pjuttost tajjeb f'waħda mid-deċiżjonijiet tagħha: "fil-każ li att tal-Unjoni jkun indirizzat lil Stat Membru minn istituzzjoni, jekk l-azzjoni li għandha tiġi adottata mill-Istat Membru bħala risposta għall-att hija ta' natura awtomatika jew jekk, fi kwalunkwe każ, *ma hijiex dubjuża*, l-att għaldaqstant jikkonċerna direttament lil kull persuna li hija affettwata minn din l-azzjoni. Jekk, min-naħa l-oħra, l-att iħalli lill-Istat Membru l-possibbiltà li jieħu jew ma jiħux azzjoni, hija l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-Istat Membru li tirrigwarda direttament lill-persuna affettwata, u mhux il-miżura fiha nnifisha. Fi kliem ieħor, l-att inkwistjoni ma għandux jiddependi, sabiex jipproduċi l-effetti tiegħu, *mill-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali minn parti terza, sakemm ma jkunx evidenti li tali setgħa trid tiġi eżerċitata biss b'mod partikolari*" [34].

55. B'mod simili, il-qrati tal-Unjoni aċċettaw li l-interess dirett ma huwiex eskluż mill-fatt li r-rikorrent jista' jressaq il-kwistjoni quddiem il-qrati nazzjonali li għandhom ġurisdizzjoni, fejn l-implimentazzjoni nazzjonali hija purament awtomatika u sabiex jintlaħqu mhux regoli nazzjonali intermedji iżda regoli tal-Unjoni biss [35]. Bl-istess mod, il-kundizzjoni ta' interess dirett ma hijiex teskluża mill-fatt li s-sitwazzjoni legali tar-rikorrent hija affettwata mill-att tal-Unjoni inkwistjoni huwa wkoll ir-riżultat ta' ċerti għażliet magħmula mid-destinatarju tal-att [36].

56. Dawn il-prinċipji huma, ovvjament, validi fir-rigward tal-persuni kollha fiżiċi u ġuridiċi li, għall-għanijiet tal-Artikolu 263 TFUE, huma rikorrenti "mhux ipprivileġġjati". Dan jinkludi, għaldaqstant, kwalunkwe entità reġjonali jew lokali, sakemm din għandha personalità legali skont id-dritt nazzjonali [37].

57. Madankollu, fl-istess ħin huwa ġust li jiġi rrikonoxxut li entitajiet iffederati tal-Istati Membri, min-natura tagħhom stess, ma humiex sempliċement kwalunkwe persuna (privata) fiżika jew ġuridika fil-kapaċità tagħha ta' rikorrent mhux ipprivileġġat. F'dan l-istadju, huwa għaldaqstant utli li jiġi eżaminat kif dawn il-prinċipji ġew applikati, mill-qrati tal-Unjoni, fir-rigward ta' reġjuni jew entitajiet lokali oħra.

32 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Ente per le Ville vesuviane u Ente per le Ville vesuviane vs Il-Kummissjoni (C-445/07 P u C-455/07 P, EU:C:2009:52, punt 46), tal-5 ta' Mejju 1998, Dreyfus vs Il-Kummissjoni (C-386/96 P, EU:C:1998:193, punt 44), u tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni (11/82, EU:C:1985:18, punti 8 sa 10). Enfasi miżjuda minni.

33 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' Novembru 1971, Bock vs Il-Kummissjoni (62/70, EU:C:1971:108, punti 6 sa 8), u tal-31 ta' Marzu 1998, Franza *et* vs Il-Kummissjoni (C-68/94 u C-30/95, EU:C:1998:148, punt 51).

34 Digriet tal-10 ta' Settembru 2002, Japan Tobacco u JT International vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-223/01, EU:T:2002:205, punt 46). Enfasi miżjuda minni.

35 Sentenza tad-29 ta' Marzu 1979, NTN Toyo Bearing vs Il-Kunsill (113/77, EU:C:1979:91, punti 11 u 12). Wara kollox, ma jistgħux ikunu l-qrati tal-Unjoni li għandhom jeżaminaw u jinterpretaw id-dritt proċedurali nazzjonali sabiex jiddeterminaw jekk ir-rikorrent għandux, teoretikament, rimedji legali oħra sabiex jasserixxi d-drittijiet tiegħu skont id-dritt nazzjonali: ara s-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 2016, Marquis Energy vs Il-Kunsill (T-277/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:343, punt 108), u tas-6 ta' Ġunju 2013, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni (T-279/11, EU:T:2013:299, punti 70 sa 72).

36 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159, punti 49 sa 52), tal-15 ta' Diċembru 2005, Infront WM vs Il-Kummissjoni (T-33/01, EU:T:2005:461, punti 133 sa 135, u 138 *et seq.*), u tal-25 ta' Ottubru 2011, Microban International u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (T-262/10, EU:T:2011:623, punt 28).

37 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (C-417/04 P, EU:C:2006:282, punt 24).

3. Interess dirett fil-każ ta' reġjuni jew entitajiet lokali oħra

58. Fi Vlaams Gewest, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istati kellha effett *dirett u individwali* fuq is-sitwazzjoni legali tar-Reġjun tal-Vlaanderen. Din id-deċiżjoni direttament ipprekludiet lir-reġjun milli jeżerċita l-kompetenzi tiegħu stess, li kienu jikkonsistu fl-għoti tal-għajnuna inkwistjoni kif jidhirlu xieraq, u ġegħlitu jibdel kuntratt konkluż mal-benefiċjarju tal-għajnuna [38]. Dikjarazzjonijiet simili jistgħu jinstabu wkoll f'deċiżjonijiet oħra tal-qrati tal-Unjoni, bħal Diputación Foral de Guipúzcoa: "[i]r-rikorrenti huma direttament u individwalment ikkonċernati mid-Deċiżjonijiet [tal-Kummissjoni] ikkontestati [sa fejn dawn] jirreferu għal miżuri fiskali li r-rikorrenti huma l-awturi tagħhom u, barra minn hekk, jimpedixxu lir-rikorrenti milli jeżerċitaw, kif huma jridu, is-setgħat tagħhom stess, li huma jgawdu direttament taħt id-dritt nazzjonali Spanjol" [39].

59. Fi Freistaat Sachsen, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Land ta' Sachsen kienet direttament ikkonċernata b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sa fejn din tal-aħħar ma eżerċitat l-ebda diskrezzjoni fil-komunikazzjoni tad-deċiżjoni lil dan tal-ewwel [40]. B'mod simili, f'Regione Friuli-Venezia-Giulia, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li deċiżjoni tal-Kummissjoni pprekludiet lir-reġjun rikorrent milli jkompli japplika l-leġiżlazzjoni inkwistjoni, annullat l-effetti ta' din il-leġiżlazzjoni, u ġegħlitha tibda proċeduri amministrattivi sabiex tiżgura l-osservanza tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Ir-reġjun rikorrent għalhekk kellu *locus standi* quddiem il-qrati tal-Unjoni [41]. Bl-istess mod, f'Nederlandse Antillen, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li żewġ regolamenti tal-Kummissjoni dwar l-importazzjonijiet tar-ross li joriġina mill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej kienu ta' interess dirett għar-rikorrent, prinċipalment fuq il-bażi li dawn ir-regolamenti kienu jinkludu regoli komprensivi u vinkolanti li ma ħallew l-ebda diskrezzjoni lill-awtoritajiet tal-Istati Membri [42].

60. Is-sensiela ta' kawżi li għadhom kif ġew indikati tissuġġerixxi li entità reġjonali jew lokali hija kkonċernata b'att tal-Unjoni meta hija tiġi fdata b'kompetenzi li għandhom jiġu eżerċitati b'mod awtonomu fil-limiti tas-sistema kostituzzjonali nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, u l-att tal-Unjoni jipprekludi lil din l-entità milli teżerċita dawn il-kompetenzi kif jidhrilha xieraq [43]. Jidher li l-qrati tal-Unjoni użaw dan l-eżami (sikwit imsemmi bħala l-*eżami "Vlaams Gewest"*) sabiex jiddeterminaw interess kemm dirett *u* kemm individwali għal reġjuni u entitajiet lokali oħra.

61. Minkejja li ż-żewġ kundizzjonijiet għandhom, teoretikament, jibqgħu distinti, l-eżami Vlaams Gewest jidher li ma jagħmilx distinzjoni bejn miżuri li jaffettwaw entità reġjonali *direttament* (bil-bidla tas-sitwazzjoni legali tagħha awtomatikament) u *individwalment* (minħabba ċirkustanzi speċifiċi li jiddifferenzjaw din l-entità minn kull persuna oħra ġuridika u fiżika). Iż-żewġ kundizzjonijiet jidher li tqiegħdu taħt intestatura waħda: il-projbizzjoni tal-entità reġjonali milli teżerċita l-kompetenzi speċifiċi mogħtija lilha skont id-dritt nazzjonali. Għalhekk, fil-prattika, minkejja li aktarx mhux irrikonoxxut bil-miftuħ, l-entitajiet reġjonali u lokali li jissodisfaw l-eżami Vlaams Gewest fil-fatt ma humiex qegħdin jiġu ttrattati bl-istess mod bħal kwalunkwe rikorrent privat mhux ipprivileġġat ieħor [44].

38 Sentenza tat-30 ta' April 1998, Vlaams Gewest vs Il-Kummissjoni (T-214/95, EU:T:1998:77, punt 29).

39 Sentenza tat-23 ta' Ottubru 2002, Diputación Foral de Guipúzcoa vs Il-Kummissjoni (T-269/99, T-271/99 u T-272/99, EU:T:2002:258, punt 41).

40 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1999, Freistaat Sachsen *et* vs Il-Kummissjoni (T-132/96 u T-143/96, EU:T:1999:326, punti 89 sa 90). B'mod simili, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2005, Land Oberösterreich vs Il-Kummissjoni (T-366/03 u T-235/04, EU:T:2005:347, punt 29).

41 Sentenza tal-15 ta' Ġunju 1999, Regione Autonoma Friuli-Venezia Giulia vs Il-Kummissjoni (T-288/97, EU:T:1999:125, punt 32).

42 Sentenza tal-10 ta' Frar 2000, Nederlandse Antillen vs Il-Kummissjoni (T-32/98 u T-41/98, EU:T:2000:36, punti 60 u 61).

43 B'mod simili, Barents, R., *op. cit.*, p. 275; Lenaerts, K., Maselis, I., Gutman, K., *EU Procedural Law*, Oxford University Press, Oxford, 2014, p. 330; u Lenaerts, K., Cambien, N., "Regions and the European Courts: Giving Shape to the Regional Dimension of Member State", *European Law Review*, 2010, Vol. 35, p. 609 sa 635.

44 Li huwa viżibbli b'mod ċar meta l-istess eżami jiġi applikat għal rikorrent komuni privat. Pereżempju, kwalunkwe kumpannija tista' ssostni li, minħabba xi leġiżlazzjoni partikolari tal-Unjoni, hija prekluża milli teżerċita, kif jidhrilha xieraq, il-kompetenzi tagħha stess, li tgawdi direttament skont id-dritt nazzjonali. Hija ma tistax tikkonkludi kuntratti, negozju, jew twettaq in-negozju tagħha kif kieku tkun tista'. Iżda, tali pretensjonijiet, fil-każ ta' kwalunkwe rikorrent komuni mhux ipprivileġġat bl-ebda mod ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' interess dirett u individwali għal dan ir-rikorrent.

62. Madankollu, is-sempliċi fatt li reġjun għandu *ċerta kompetenza* – bħala organu kompetenti għal kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali jew ambjentali fit-territorju tiegħu – fir-rigward tal-kwistjoni rregolata minn miżura ta' applikazzjoni ġenerali tal-Unjoni ma jistax, fih innifsu, ikun suffiċjenti sabiex dan ir-reġjun jitqies li huwa "ikkonċernat" fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE[45]. Fi kliem ieħor, ir-reġjuni huma prekluži milli jippreżentaw rikors kontra atti tal-Unjoni li jaffettwaw l-interessi tagħhom b'mod ġenerali[46]. Xi ħaġa iktar minn hekk hija meħtieġa: restrizzjoni diretta fl-eżerċizzju ta' *kompetenza speċifika* attribwita lir-reġjun fil-livell kostituzzjonali fl-Istat Membru[47].

63. Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li issa ser nevalwa l-argumenti mressqa mill-partijiet f'dawn il-proċeduri.

4. Il-kawża inkwistjoni

64. Diversi argumenti mressqa mir-rikorrent huma, fil-fehma tiegħi, fondati. Fil-fatt, hemm relazzjoni awtomatika u diretta, ta' natura kawżali, bejn ir-regolament ikkontestat u t-tibdil fis-sitwazzjoni legali tar-rikorrent.

a) Restrizzjoni diretta fl-eżerċizzju ta' kompetenzi speċifiċi attribwiti lir-reġjun f'livell kostituzzjonali

65. L-ewwel nett, jiena tal-fehma li l-kritika ġenerali magħmula mill-appellant kontra d-digriet appellat, fir-rigward tal-fatt li wħud mill-argumenti tiegħu dwar l-ammissibbiltà tar-rikors ġew interpretati b'mod żbaljat, hija fondata.

66. Fil-fatt, quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellant ressaq *żewġ settijiet ta' argumenti* insostenn tal-propożizzjoni li kien direttament affettwat mir-regolament ikkontestat. Minn naħa, l-appellant enfasizza l-effetti tar-regolament ikkontestat fuq il-kompetenza tiegħu li jirregola l-użu ta' pestiċidi fit-territorju tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-appellant indika l-effetti tar-regolament ikkontestat fuq il-kompetenzi li huwa jeżerċita fil-kuntest tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' pestiċidi.

67. Fid-dawl tal-ewwel sett ta' argumenti, u skont linja konsistenti ta' ġurisprudenza[48], il-Qorti Ġenerali kellha teżamina jekk ir-regolament ikkontestat, minħabba l-effetti legali tiegħu, ipprekludiex lir-rikorrent milli jeżerċita xi kompetenzi speċifiċi, fdati lilu fil-livell kostituzzjonali, kif deherlu xieraq.

68. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma għamlitx dan. Hija tat inqas importanza, jekk mhux saħansitra injorat, l-ewwel sett ta' argumenti (dawk relatati mal-kompetenza tal-appellant li jirregola l-użu tal-pestiċidi fit-territorju tiegħu skont l-intestatura ta' protezzjoni tal-ambjent) imbagħad malajr dawret l-analiżi tagħha għall-eżami ta' jekk il-parteċipazzjoni tal-appellant fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni setgħetx titqies suffiċjenti għal konstatazzjoni ta' interess dirett. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali naqset milli tapplika l-eżami legali korrett f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, li kieku applikat dan l-eżami, hija, fil-fehma tiegħi, kienet issib li kien ikun ġie ssodisfatt għar-raġunijiet segwenti.

45 Ara d-digriet tad-19 ta' Settembru 2006, Benkö *et* vs Il-Kummissjoni (T-122/05, EU:T:2006:262 punt 64).

46 Ara wkoll Van Nuffel, P., "What's in a Member State? Central and Decentralised Authorities before the Community Courts', *Common Market Law Review*, 2001, Vol. 38, p. 871, f' 887.

47 Dan jista' jintwera' bis-sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (C-417/04 P, EU:C:2006:282). F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-reġjun ma kienx direttament ikkonċernat b'deċiżjoni tal-Kummissjoni li kkanċellat l-għajnuna mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal proġett f'Sicilia minħabba li ma kien hemm *l-ebda relazzjoni diretta* bejn l-għajnuna finanzjarja (formalment ipprovduta lill-Istat Membru) u l-indikazzjoni ta' entità reġjonali (bħar-Regione Siciliana) bħala l-awtorità responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proġett tal-FEŻR. Din l-indikazzjoni ma implikatx li r-reġjun kien minnu nnifsu intitolat għal għajnuna: ma kien hemm l-ebda restrizzjoni diretta fl-eżerċizzju ta' xi kompetenza speċifika attribwita lir-reġjun fil-livell kostituzzjonali.

48 Ara *supra*, punti 58 sa 62 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1)(II) tal-Liġi Speċjali, moqri flimkien mal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni Belġjana, ir-rikorrent għandu kompetenza *ġenerali* u *awtonoma* fil-qasam tal-*protezzjoni ambjentali*. Din il-kompetenza tinkludi l-kompetenza li *jirregola l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti* fit-territorju tiegħu. L-eżistenza ta' din il-kompetenza, li tirriżulta mill-kostituzzjoni federali, reċentement ġiet ikkonfermata li tappartjeni għar-reġjuni tar-Renju tal-Belġju f'żewġ sentenzi tal-*Cour Constitutionelle* (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju) [49].

70. Ir-regolament ikkontestat jillimita l-kapaċità tal-appellant li jeżerċita dawn il-kompetenzi?

71. Dażgur li iva. Fl-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi, l-appellant xtaq li jipprojbixxi l-użu, fit-territorju tiegħu, *tal-prodotti kollha għall-protezzjoni tal-pjanti* li jinkludu sustanza attiva speċifika: il-glifosat. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jikkunsidra li l-glifosat huwa sustanza dannuża, li ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Nru 1107/2009.

72. Madankollu, ir-regolament ikkontestat manifestament jillimita l-kompetenza tal-appellant li jieħu deċiżjoni bħal din. Fil-fatt, dan ir-regolament huwa, l-ewwel u qabel kollox, att li jiċċertifika l-fatt li s-*sustanza* glifosat tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 1107/2009: is-sustanza hija kkunsidrata, fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, li ma għandhiex effett dannuż għas-saħħa tal-bniedem u effetti inaċċettabbli fuq l-ambjent [50]. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li dan l-aspett ġie deċiż definittivament u b'mod eżawrjenti mir-regolament ikkontestat.

73. Jista' l-kunflitt bejn il-kapaċità tal-appellant li jirregola l-użu tal-pestiċidi fit-territorju tiegħu u l-effetti legali li jirriżultaw minn regolament bħal dak ikkontestat f'dawn il-proċeduri jkun iktar dirett u apparenti, peress li l-pożizzjoni fil-livell tal-Unjoni hija li "l-glifosat huwa sigur", filwaqt li fil-livell lokali l-pożizzjoni hija li "l-glifosat ma huwiex sigur"? Fl-assenza tar-regolament ikkontestat, l-appellant seta' legalment jagħmel użu mill-kompetenzi speċifiċi tiegħu sabiex jipprojbixxi kwalunkwe prodott li fih il-glifosat fit-territorju tiegħu.

74. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali kien iffokat fuq ir-rwol tar-rikorrent fil-*proċeduri ta' awtorizzazzjoni* għal prodotti tal-pjanti, u għalhekk injora l-*aspett ambjentali* tal-kwistjoni. Skont formulazzjoni partikolari, pjuttost dubjuża, jista' fil-fatt jiġi ssuġġerit li r-Regolament Nru 1107/2009 huwa miżura tas-suq intern, ikkonċernata biss b'awtorizzazzjonijiet ta' prodotti u servizzi, iżda mhux bl-ambjent. Għalhekk, il-fatt li l-appellant għandu kompetenza speċifika u awtonoma fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali huwa irrilevanti għal-*locus standi* tiegħu quddiem il-qrati tal-Unjoni.

75. Ikolli nammetti li, fil-fehma tiegħi, il-livell ta' formaliżmu strumentali inkluż fi propożizzjoni bħal din huwa pjuttost notevoli.

49 Ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Kawża Nru 32/2019, paragrafu B.16. sa B.19.1. (dwar il-projbizzjoni ta' pestiċidi maħruġa mir-Reġjun ta' Wallonie fit-territorju tiegħu), u tat-28 ta' Frar 2019, Kawża Nru 38/2019, paragrafi B.13.1 sa B.14. (dwar il-projbizzjoni adottata mir-Reġjun ta' Vlaanderen fit-territorju tiegħu).

50 Ara speċjalment il-premessa 17 tar-regolament ikkontestat: "Dwar l-użu rappreżentattiv, wieħed jew aktar, ta' mill-inqas prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva glifosat, ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati. Għalhekk, qed jitqies li ġew issodisfati dawk il-kriterji għall-approvazzjoni."

76. L-ewwel nett, sa fejn il-qasam tad-dritt huwa kkonċernat, ir-Regolament Nru 1107/2009 b'mod ċar ma huwiex biss miżura ta' awtorizzazzjoni ta' prodott li hija marbuta esklużivament mar-regolazzjoni tas-suq intern. Huwa kompletament marbut mas-saħħa pubblika u mal-protezzjoni ambjentali: mhux biss fil-livell tal-għanijiet u l-kunsiderazzjonijiet [51], iżda wkoll fil-bażijiet legali [52]. Ir-riperkussjonijiet, li s-sistema ta' awtorizzazzjoni ta' sustanzi attivi għandha fuq il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-ambjent, huma ovvji.

77. It-tieni nett, sa fejn il-mekkaniżmu speċifiku huwa kkonċernat, l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi attivi hija, fil-loġika tar-Regolament Nru 1107/2009, pass preliminari fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal prodotti. Iżda, hija ċertament tipproduċi wkoll effetti legali sinjifikattivi fiha nnifisha, indipendentement minn kwalunkwe deċiżjoni nazzjonali li tawtorizza prodotti speċifiċi. Il-fatt li deċiżjonijiet dwar it-*tiġdid* tal-awtorizzazzjonijiet speċifiċi għal prodotti li fihom il-glifosat ma humiex awtomatiċi, u jittieħdu mill-awtoritajiet federali, ma jnaqqasx mill-fatt li d-determinazzjoni dwar is-sigurtà ta' din is-sustanza ma għandha bżonn l-ebda miżura ta' implimentazzjoni sabiex ikollha effetti legali [53].

78. Id-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ aspetti hija wkoll espressament riflessa fit-test tar-Regolament Nru 1107/2009. L-Artikolu 1(1) u (2) tiegħu jagħmilha ċara li r-regolament jistabbilixxi *kemm* "regoli għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'forma kummerċjali u għat-tqegħid fis-suq, l-użu u l-kontroll tagħhom fil-Komunità" *u* "regoli għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi […] li jkunu fi jew li jikkostitwixxu prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti". F'sens simili, fir-rigward tal-livell ta' regolazzjoni, il-premessa 10 tar-Regolament Nru 1107/2009 tistabbilixxi li "d-deċiżjoni dwar l-aċċettabbiltà jew in-nuqqas ta' aċċettabbiltà ta' *sustanzi* bħal dawn għandha tittieħed fuq *livell Komunitarju* abbażi ta' kriterji armonizzati" filwaqt li l-premessa 23 tindika li "awtorizzazzjonijiet għall-*prodotti* għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom […] jingħataw mill-Istati Membri" [54]. Għal darba oħra, proċeduri differenti ma humiex biss riflessi bi kriterji differenti, iżda wkoll jitwettqu f'livelli differenti ta' governanza.

79. It-tielet nett, is-"saga" tad-Digriet tal-2016, li involviet żewġ tilwimiet dwar il-legalità ta' dan id-digriet imressqa minn kumpanniji involuti fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti relatati quddiem il-Kunsill tal-Istat Belġjan [55], kontenzjużi rrepetuti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Belġjana mressqa kontra digrieti simili adottati mir-Reġjon ta' Wallonie u r-Reġjun ta' Vlaanderen rispettivament [56]; u l-oppożizzjoni formali tal-Kummissjoni għal abbozz ta' digriet ekwivalenti intiż li jħassar id-Digriet

51 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 1(3): "L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura livell għoli ta' *protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent* u li jtejjeb it-thaddim tas-suq intern permezz tal-armonizzazzjoni tar-regoli fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, filwaqt li jtejjeb il-produzzjoni agrikola." Ara wkoll pereżempju l-premessi 7, 8, 10, 23, 24, 29 u oħrajn. Enfasi miżjuda minni.

52 Il-bażijiet legali msemmija tar-Regolament Nru 1107/2009 ma kinux biss l-ex Artikolu 95 TKE (issa l-Artikolu 114 TFUE – approssimazzjoni ta' liġijiet fis-suq intern), iżda wkoll l-ex Artikolu 37(2) TKE (issa l-Artikolu 43(2) TFUE – agrikoltura u sajd) u l-ex Artikolu 152(4)(b) TKE (issa l-Artikolu 168(4)(b) TFUE – Is-Saħħa Pubblika).

53 Pereżempju, ara b'analoġija s-sentenza tal-11 ta' Mejju 2017, Deza vs ECHA (T-115/15, EU:T:2017:329, punti 30 u 31).

54 Enfasi miżjuda minni.

55 Skont l-informazzjoni fil-fajl, dan id-digriet huwa s-suġġett ta' żewġ rikorsi għal annullament imressqa quddiem il-Kunsill tal-Istat Belġjan. Ir-rikorsi jikkonċernaw, *inter alia*, allegat ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1107/2009 u l-Artikoli 34, 35 u 36 TFUE. F'dawn il-kawżi, ir-rikorrenti (kumpanniji involuti fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti bbażati fuq il-glifosat) jikkunsidraw li l-approvazzjoni fl-Unjoni b'mod ġenerali tal-glifosat u l-awtorizzazzjoni ta' ċerti prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza mill-awtorità federali Belġjana ma jistgħux jiġu kompromessi bi projbizzjoni totali fuq l-użu ta' dawn il-prodotti fit-territorju tar-Région de Bruxelles-Capitale. Sa fejn naf jien, dawn il-kawżi għadhom pendenti.

56 Iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49. F'dawn is-sentenzi, il-Qorti Kostituzzjonali Belġjana essenzjalment iddeċidiet li l-kompetenza għall-protezzjoni tal-ambjent tinkludi l-kompetenza li jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni u limitazzjoni ta' riskji marbuta ma' pestiċidi. Minħabba li l-leġiżlazzjoni fir-reġjuni differenti ma tistipulax l-istandards li l-pestiċidi għandhom jissodisfaw sabiex jitqiegħdu fis-suq, iżda sempliċement tirregola l-użu tal-pestiċidi, il-leġiżlazzjoni ma hijiex ikkunsidrata li tistabbilixxi standards tal-prodotti. Ir-reġjuni huma għalhekk kompetenti. Madankollu, tali leġiżlazzjoni ma tistax tammonta (*de facto*) għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti jew l-istabbiliment ta' standard ta' prodott. Dan ikun jikser il-lealtà federali.

tal-2016[57], kollha juru l-impatt immedjat, sinjifikattiv u indipendenti li r-regolament ikkontestat għandu fuq il-kompetenzi regolatorji tal-appellant[58]. Dan juri wkoll b'mod pjuttost ċar li ma huwiex possibbli li d-dimensjoni tas-"suq intern" tas-sistema introdotta mir-Regolament Nru 1107/2009 tiġi ddiżassoċjata mid-dimensjonijiet u implikazzjonijiet agrikoli, ambjentali, u dawk tas-saħħa pubblika u tal-annimali.

80. Għal dawn ir-raġunijiet, nikkunsidra l-istruttura ġenerali tal-argument tal-Qorti Ġenerali, li sempliċement warrbet id-dimensjonijiet l-oħra tar-regolament ikkontestat u r-Regolament Nru 1107/2009, u sempliċement identifikat il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, sabiex tiċħad *locus standi* lill-appellant, bħala waħda dubjuża ħafna u daqsxejn strumentali. Il-kooperazzjoni leali u sinċiera, li hija meħtieġa mill-Istati Membri u minn kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom, inklużi entitajiet ffederati, sabiex jiġi żgurat li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat korrettement u osservat, għandha taqta' miż-żewġ naħat. Ma tistax teżisti biss meta limitazzjonijiet u obbligi jiġu imposti, iżda mbagħad tisparixxi b'mod kurjuż meta jkunu kkonċernati l-*locus standi* u l-aċċess għall-qrati tal-Unjoni.

81. Bħala sommarju, l-appellant huwa korrett li l-Qorti Ġenerali ma ttrattatx l-argumenti tiegħu dwar il-fatt li r-regolament ikkontestat, fih innifsu, impedih milli jeżerċita l-kompetenzi awtonomi tiegħu bil-mod li jidhirlu xieraq. L-appellant huwa korrett ukoll fir-rigward tal-merti ta' dawn l-argumenti.

82. Dawn l-iżbalji ta' dritt huma fihom innifishom suffiċjenti sabiex id-digriet appellat jiġi annullat. Madankollu, għal raġunijiet ta' kompletezza u sabiex nassisti b'mod komplet lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan l-appell, jiena ser ukoll nindirizza argumenti oħra mressqa mill-appellant fit-tieni eċċezzjoni.

b) Konservazzjoni pro-tempore tal-validità ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti

83. Fil-punti 50 sa 55 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali eskludiet kwalunkwe effett awtomatiku tar-regolament ikkontestat fuq l-awtorizzazzjonijiet eżistenti. Il-Qorti Ġenerali ddikjarat essenzjalment li l-awtorizzazzjonijiet eżistenti ma humiex imġedda awtomatikament, bis-saħħa tar-regolament ikkontestat. Fil-fatt, it-tiġdid jista' jingħata biss, wara talba speċifika mressqa mid-detentur tal-awtorizzazzjoni, mill-awtoritajiet nazzjonali. Fil-Belġju, dawn l-awtoritajiet huma l-awtoritajiet federali.

84. Madankollu, l-appellant qatt ma sostna li l-awtorizzazzjonijiet eżistenti jiġu, bħala riżultat tar-regolament ikkontestat, awtomatikament imġedda jew ikkonfermati[59]. L-appellant sempliċement indika li l-validità tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti awtomatikament *tinżamm* matul il-perijodu li fih l-Istat Membru kien meħtieġ li jikkompleta il-proċeduri nazzjonali dwar it-tiġdid ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet.

57 Osservazzjonijiet sottomessi fil-kuntest ta' proċeduri għan-notifika ta' standards tekniċi – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Awwissu 2018, TRIS/(2018) 02325. B'mod kurjuż, f'dawn l-osservazzjonijiet il-Kumissjoni essenzjalment kienet tal-fehma li att li jipprevedi projbizzjoni totali ta' prodotti li fihom il-glifosat imur kontra s-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 1107/2009. Huwa għalhekk daqsxejn sorprendenti li l-argumenti tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri jissuġġerixxu essenzjalment li projbizzjoni territorjali totali bħal din ma għandha xejn x'taqsam ma' din l-istess sistema, u li għalhekk ma tippermettix *locus standi* għar-reġjun inkwistjoni.

58 Jista' jkun interessanti li jiġi nnotat, f'dan il-kuntest, li l-Qorti Ġenerali konsistentement iddikjarat li interess fit-tressiq ta' proċeduri skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jista' jiġi dedott minn riskju ġenwin li s-sitwazzjoni legali tar-rikorrent tiġi affettwata bil-proċeduri legali eżistenti, jew anki mill-fatt li r-riskju ta' proċeduri legali huwa stabbilit u preżenti fid-data li fiha r-rikors jiġi ppreżentat quddiem il-ġudikatura tal-Unjoni: ara, pereżempju, id-digriet tal-25 ta' Marzu 2019, Solwindet las Lomas vs Il-Kummissjoni (T-190/18, mhux ippubblikat, EU:T:2019:205, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata). Jiena tal-fehma li ċirkustanzi simili jistgħu, *mutatis mutandis*, ikunu ta' ċerta rilevanza wkoll fl-evalwazzjoni ta' jekk att tal-Unjoni kkontestat skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jikkonċernax lir-rikorrent individwalment.

59 Skont l-Artikolu 43(1) sa (5) tar-Regolament Nru 1107/2009, awtorizzazzjoni tiġi mġedda, mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, fuq rikors tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

85. F'dan ir-rigward, l-appellant għandu raġun. Skont l-Artikolu 43(6) tar-Regolament Nru 1107/2009, l-Istati Membri "*għand[hom] jestend[u]* l-awtorizzazzjoni għall-perijodu meħtieġ sabiex ikun ikkompletat l-eżami u tiġi adottata deċiżjoni dwar it-tiġdid" [60]. Fl-assenza tar-regolament ikkontestat, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti kienu immedjatament jiskadu. Fil-fatt, kif jistabbilixxi t-tieni paragrafu tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 1107/2009, "[f]'każ li tiġi rtirata l-approvazzjoni jew jekk l-approvazzjoni *ma tiġix imġedda* minħabba tħassib immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew għas-saħħa tal-annimali jew tal-ambjent, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernati għandhom jiġu *rtirati mis-suq minnufih*" [61].

86. L-effett ta' konservazzjoni *pro-tempore* tal-validità ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti tirriżulta, għaldaqstant, direttament mir-regolament ikkontestat. Kwalunkwe att li l-Istati Membri huma meħtieġa jadottaw għal dan l-għan huwa purament awtomatiku, minħabba li ma jgawdu l-ebda diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali – minbarra l-interpretazzjoni żbaljata tal-argument imressaq mill-appellant – huwa wkoll ivvizzjat minn żball ta' *non sequitur*: il-fatt li l-awtorizzazzjonijiet ma humiex *imġedda* awtomatikament bl-ebda mod ma jimplika li l-validità tagħhom ma hijiex awtomatikament *ikkonservata pro-tempore*.

87. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali żbaljat fid-dritt billi interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 20(2) u l-Artikolu 43(6) tar-Regolament Nru 1107/2009.

c) Parteċipazzjoni tal-appellant fil-proċeduri federali għat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet

88. Fil-punti 56 sa 59 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat irrilevanti l-parteċipazzjoni obbligatorja tal-appellant fil-proċeduri nazzjonali għat-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet. Il-Qorti Ġenerali indikat li l-Kumitat ta' Approvazzjoni li fih jipparteċipa l-appellant jagħti biss opinjoni mhux vinkolanti, minħabba li d-deċiżjoni finali hija biss f'idejn il-federazzjoni. It-tieni nett, hija ddikjarat li l-argument tal-appellant, fil-prattika, qiegħed jikkontesta l-validità tar-Regolament Nru 1107/2009, minflok dik tar-regolament ikkontestat.

89. Filwaqt li ma naħsibx li l-parteċipazzjoni fil-Kumitat ta' Approvazzjoni kienet tkun, fiha nnifisha, argument konklussiv, jiena naqbel ma' wħud mill-kritika tal-appellant tad-digriet appellat.

90. Qabel kollox, ma narax għalfejn il-fatt li l-opinjoni tal-Kumitat ta' Approvazzjoni ma hijiex ta' natura *vinkolanti* huwa deċiżiv f'dan il-kuntest. Ma huwiex ikkontestat mill-partijiet li l-adozzjoni ta' din l-opinjoni hija *rekwiżit proċedurali essenzjali* skont ir-regoli kostituzzjonali Belġjani. Fil-fatt, mingħajr l-opinjoni tal-kumitat, il-federazzjoni sempliċement ma tistax tipproċedi la mod u lanqas ieħor. In-natura mhux vinkolanti tal-opinjoni ma tfissirx, għaldaqstant, li din l-opinjoni ma għandhiex rilevanza [62].

91. Ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt huwa iktar stramb minħabba li diffiċli li jiġi rrikonċiljat mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata ma' proċeduri simili fil-livell tal-Unjoni. Skont din il-ġurisprudenza, jekk l-intervent ta' istituzzjoni jew organu partikolari huwa meħtieġ bil-liġi, isegwi li l-parteċipazzjoni tagħhom hija essenzjali għall-iżvilupp legali ta' din il-proċedura.

60 Enfasi miżjuda minni.

61 Enfasi miżjuda minni.

62 Ara, *inter alia*, l-Artikolu 8, l-Artikolu 19, l-Artikolu 24(1), l-Artikolu 25, l-Artikolu 27(2) u l-Artikolu 29(1) u (2) tad-Digriet Irjali.

Il-fatt li din l-istituzzjoni jew dan l-organu għandhom, min-natura tagħhom stess jew minħabba l-fatturi speċifiċi tal-proċedura inkwistjoni, rwol purament konsultattiv jew ta' għoti ta' parir huwa irrilevanti. L-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja kien konsistenti, irrispettivament mit-tip ta' istituzzjoni jew organu li kellu jipparteċipa fil-proċedura [63].

92. L-adozzjoni tar-regolament ikkontestat tiskatta, f'livell nazzjonali, proċedura għat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet fl-Istati Membri. Fil-Belġju, din il-proċedura teħtieġ il-parteċipazzjoni tal-appellant. Għaldaqstant, ir-regolament ikkontestat jiskatta obbligu, ta' natura proċedurali u rilevanza kostituzzjonali, għall-appellant.

93. Barra minn hekk, dan l-obbligu jmur lil hinn milli sempliċement jeħtieġ l-appellant jipparteċipa fil-Kumitat ta' Approvazzjoni. Ċertament li huwa korrett, kif issostni l-Kummissjoni, li r-regolament ikkontestat ma jċaħħadx lill-appellant mid-dritt tiegħu li jipparteċipa f'dan il-kumitat. Madankollu, din l-oġġezzjoni hija irrilevanti. Dak li huwa kruċjali, f'dan ir-rigward, huwa li r-regolament ikkontestat jirrestrinġi ħafna l-eżerċizzju tal-prerogattivi tal-appellant fil-Kumitat ta' Approvazzjoni.

94. L-appellant – reġjun tar-Renju tal-Belġju – huwa, skont l-Artikolu 4(3) TUE, meħtieġ li jieħu kwalunkwe miżura xierqa sabiex jiżgura li jiġu ssodisfatti l-obbligi li jirriżultaw mir-regolament ikkontestat u joqgħod lura minn kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-kisba tal-għan imfittex minn dan ir-regolament.

95. Konsegwentement, il-Kumitat ta' Approvazzjoni u l-membri tiegħu ma għandhom l-ebda marġni reali ta' manuvra fir-rigward tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu wara l-adozzjoni tar-regolament ikkontestat. Sal-punt li r-regolament ikkontestat iddikjara l-glifosat bħala sustanza "sigura", il-konklużjoni ta' dawn il-proċeduri nazzjonali hija fil-biċċa l-kbira *konklużjoni mistennija* [64], li fuqha l-parteċipazzjoni tal-appellant ma jista' jkollha l-ebda influwenza reali. Kwalunkwe oppożizzjoni jew oġġezzjoni f'dan il-kuntest tista' possibbilment tammonta għal ksur tal-Artikolu 4(3) TFUE li jista' jwassal, *inter alia*, għal proċedura ta' ksur kontra l-Belġju skont l-Artikoli 258 u 259 TFUE [65], u/jew għal rikorsi għal responsabbiltà tal-Istat mid-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet skont il-ġurisprudenza ta' *Francovich* [66].

96. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni wkoll li l-parteċipazzjoni tal-appellant fil-kumitat hija irrilevanti għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri minħabba li tirriżulta biss mil-liġi nazzjonali.

97. Din l-oġġezzjoni ma tistax tintlaqa'. Id-dritt tal-Unjoni ma jirregolax u ma jistax jirregola t-tqassim intern ta' kompetenzi fl-Istati Membri, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali [67]. Meta dispożizzjonijiet tal-Unjoni jagħtu kompetenzi lill-Istati Membri jew jimponu fuqhom obbligi għall-finijiet tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-kwistjoni dwar b'liema mod l-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi u l-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi jista' jiġi fdat mill-Istati lil organi interni speċifiċi taqa' biss taħt is-sistema kostituzzjonali ta' kull Stat [68]. L-Artikolu 4(2) TUE jeħtieġ li l-Unjoni għandha tosserva, *inter alia*, l-identità nazzjonali tal-Istati Membri, inerenti fl-istrutturi

63 Kemm jekk kien il-Parlament (ara, pereżempju, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 1995, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-417/93, EU:C:1995:127, punt 9) jew organi oħra li jintervjenu fil-proċeduri leġislattivi, bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (ara, għal dan il-għan, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 1987, Il-Ġermanja *et* vs Il-Kummissjoni 281/85, 283/85 to 285/85 u 287/85, EU:C:1987:351, punti 37 sa 39). L-istess prinċipju ġie applikat f'kawżi li kkonċernaw organi ta' għoti ta' parir li jintervjenu fil-proċedura amministrattiva, pereżempju fl-oqsma tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Feralpi vs Il-Kummissjoni, C-85/15 P, EU:C:2017:709, punti 23 sa 48), jew kwistjonijiet dwar il-persunal (ara pereżempju s-sentenza tal-21 ta' April 1983, Ragusa vs Il-Kummissjoni, 282/81, EU:C:1983:105, punt 18).

64 Fis-sens tal-ġurisprudenza kkwotata iktar 'il fuq f'punt 54.

65 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-388/01, EU:C:2003:30, punti 26 u 27).

66 Sentenza tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428)

67 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Carmen Media Group (C-46/08, EU:C:2010:505, punti 69 u 70).

68 Ara s-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Digibet u Albers (C-156/13, EU:C:2014:1756, punt 33).

politiċi u kostituzzjonali fundamentali tagħhom, inkluża l-awtonomija reġjonali u lokali[69]. F'dawn il-proċeduri, il-Kummissjoni għalhekk tidher li ssofri minn "għama reġjonali"[70]: l-oġġezzjoni tagħha timplika nuqqas ta' rispett tal-istruttura kostituzzjonali Belġjana u għalhekk tmur kontra l-Artiklu 4(2) TUE.

98. Finalment, għandi nżid li l-punt 58 tad-digriet appellat huwa, kif indikat mill-appellant, żbaljat. F'dawn il-proċeduri, l-appellant bl-ebda mod ma qiegħed jikkontesta l-qafas stabbilit fir-Regolament Nru 1107/2009. L-appellant ma jsostnix, pereżempju, li l-proċedura stabbilita f'dan ir-regolament hija illegali jew inapplikabbli għall-kawża inkwistjoni. L-appellant qiegħed fil-fatt jikkontesta r-riżultat li din il-proċedura wasslet għalih *f'każ wieħed speċifiku*, minħabba ċerti allegati żbalji, li jirriżultaw minn applikazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1107/2009.

d) Rikonoxximent reċiproku

99. Nikkunsidra wkoll li l-argumenti tal-appellant fir-rigward tal-punti 60 sa 64 tad-digriet appellat huma persważivi. Essenzjalment, f'dawn is-siltiet il-Qorti Ġenerali naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-awtomatizzazzjoni inerenti fil-proċedura għal rikonoxximent reċiproku stabbilita fl-Artikoli 40 sa 42 tar-Regolament Nru 1107/2009. L-interpretazzjoni mogħtija lil dawn id-dispożizzjonijiet mill-Qorti Ġenerali hija, fil-fehma tiegħi, żbaljata.

100. Skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament Nru 1107/2009, Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi l-awtorizzazzjoni mogħtija minn Stat Membru ieħor iżda, jekk dan tal-aħħar jappartjeni għall-istess żona[71], l-Istat Membru *għandu* (f'termini imperattivi) jawtorizzaha skont l-istess kundizzjonijiet bħall-Istat Membru ta' referenza.

101. Ċertament, skont l-Artikolu 36(3) ta' dan ir-regolament, teżisti l-possibbiltà għall-Istat Membru li jirrifjuta li jirrikonoxxi l-awtorizzazzjoni ta' Stati Membri li jkunu jappartjeni għall-istess żona. Madankollu, dan huwa possibbli *biss jekk* (i) miżuri oħra huma ineffettivi, u (ii) "minħabba *ċ-ċirkostanzi ambjentali jew agrikoli speċifiċi tiegħu*, huwa għandu raġunijiet sostanzjati biex iqis li l-prodott in kwistjoni għadu joħloq riskju serju jew inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew tal-ambjent"[72].

102. Għaldaqstant, ir-Regolament Nru 1107/2009 ma jawtorizza lil ebda awtorità Belġjana, la ċentrali u lanqas reġjonali, sabiex jopponu l-applikazzjoni tas-sistema ta' rikonoxximent reċiproku f'każijiet, bħal dak inkwistjoni, fejn jemmnu li l-prodott inkwistjoni huwa *intrinsikament* dannuż għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew l-ambjent (minflok minħabba ċ-ċirkustanzi speċifiċi ambjentali jew agrikoli prevalenti fit-territorju tagħhom). Skont l-Anness I tar-Regolament Nru 1107/2009, il-Belġju jappartjeni għaż-"Żona B — Iċ-Ċentru", li ma tidhirx li hija waħda partikolarment żgħira, u li tinkludi wkoll ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja (u sal-31 ta' Jannar 2020, din iż-żona kienet tinkludi wkoll ir-Renju Unit).

69 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Remondis (C-51/15, EU:C:2016:985, punt 40), u tat-12 ta' Ġunju 2014, Digibet u Albers (C-156/13, EU:C:2014:1756, punt 34).

70 L-espressjoni hija mislufa minn Weatherhill, S., "The Challenge of the Regional Dimension in the European Union", f'Weatherill u Bernitz (edituri), *The Role of Regions and Sub-National Actors in Europe*, Hart, Oxford, 2005, p. 1.

71 Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjonijiet, l-Unjoni ġiet maqsuma f'żoni differenti fejn il-kundizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti u dawk ambjentali (inkluż klimatiċi) huma kkunsidrati komparabbli. Ara b'mod partikolari l-premessa 29, l-Artikolu 3(17) u l-Anness I għar-Regolament Nru 1107/2009.

72 Enfasi miżjuda minni. Ara wkoll il-premessa 29 tar-Regolament Nru 1107/2009.

103. Għaldaqstant, sabiex jiġi oppost rikonoxximent reċiproku meta awtorizzazjoni tkun ingħatat minn Stat Membru li jappartjeni għall-istess żona, l-awtoritajiet Belġjani effettivament ikollhom jevitaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1107/2009. Huma jkollhom jivvintaw argument fittizju u jsostnu li l-glifosat ma huwiex sigur minħabba ċerti ċirkustanzi partikolari agrikoli jew ambjentali fil-Belġju, fl-għarfien li l-argument huwa falz u artifiċjali. Fil-qosor, dawn l-awtoritajiet ikollhom jiksru d-dritt tal-Unjoni sabiex il-partijiet interessati jibdew il-proċeduri quddiem il-qrati nazzjonali [73], u dawn il-qrati jistgħu mbagħad iressqu talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE dwar il-validità tar-Regolament Nru 1107/2009. Din hija preċiżament is-sitwazzjoni li dawk li abbozzaw it-Trattati xtaqu li jevitaw meta ddeċidew li jemendaw (dak li issa huwa) l-Artikolu 263 TFUE, speċifikament fir-rigward ta' rikorrenti mhux ipprivileġġati [74]. Huwa forsi korrett li wieħed jassumi li, jekk il-ksur tad-dritt ma ġiex ikkunsidrat li huwa l-azzjoni iktar xierqa għal persuni privati fiżiċi jew legali, dan huwa saħansitra inqas il-każ għal awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri.

104. L-importanza tal-konsegwenzi legali għall-aġir tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, li jirriżultaw mill-mekkaniżmi ta' rikonoxximent reċiproku previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ma tistax tiġi injorata, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat. Meta kellhom quddiemhom mekkaniżmi simili għal rikonoxximent reċiproku, il-qrati tal-Unjoni fil-fatt ħadu dawn il-konsegwenzi inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' jekk rikorrent kienx direttament ikkonċernat minn att tal-Unjoni li jiskatta dawn il-mekkaniżmi [75].

e) Konklużjoni intermedja

105. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fl-evalwazzjoni tal-kundizzjoni ta' interess dirett.

106. Fil-qosor, ir-regolament ikkontestat ipproduċa effetti legali li biddlu s-sitwazzjoni legali tal-appellant tal-inqas b'erba' modi. *L-ewwel wieħed*, l-appellant ma setax jeżerċita, bil-mod li jidhirlu xieraq, il-kompetenzi awtonomi tiegħu sabiex jirregola l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fit-territorju tiegħu. *It-tieni wieħed*, ir-regolament ikkontestat obbliga lill-awtoritajiet Belġjani – inkluż lill-appellant – sabiex jikkonservaw il-validità ta' awtorizzazzjonijiet eżistenti għaż-żmien kollu meħtieġ sabiex jiġu kkompletati l-proċeduri għat-tiġdid ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet. *It-tielet wieħed*, ir-regolament ikkontestat skatta proċedura li fiha l-appellant kien meħtieġ jipparteċipa, u li fiha huwa ma setax la *de jure* u lanqas *de facto* jagħmel użu mill-prerogattivi mogħtija lilu skont il-kostituzzjoni Belġjana. *Ir-raba' wieħed*, ir-regolament ikkontestat obbliga wkoll lill-appellant jirrikonoxxi, skont is-sistema ta' rikonoxximent reċiproku, kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija minn Stat Membru li jappartjeni għall-istess żona. Minkejja d-dubji tal-appellant dwar in-natura dannuża tal-glifosat b'mod ġenerali, ma huwiex intitolat li jirrifjuta r-rikonoxximent, sakemm ma jinjorax l-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni.

107. Fuq kollox, dawn l-effetti kollha huma imputabbli għar-regolament ikkontestat. Ma hemm l-ebda miżura "intermedja" ta' implimentazzjoni li tikser ir-rabta kawżali bejn ir-regolament ikkontestat u t-tibdil tas-sitwazzjoni legali tal-appellant.

73 Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 36(3), jipprevedi: "L-Istati Membri għandhom jipprovdu possibbiltà li tiġi sfidata deċiżjoni li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni ta' tali prodott quddiem il-qrati nazzjonli jew istanzi oħra ta' appell."

74 Ara *infra*, il-punt 168 ta' dawn il-konklużjonijiet.

75 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, EU:C:2008:159, punt 51), u s-sentenza tas-17 ta' Frar 2011, FIFA vs Il-Kummissjoni (T-385/07, EU:T:2011:42, punti 40 u 41).

B. L-ewwel eċċezzjoni: interpretazzjoni żbaljata tal-Konvenzjoni ta' Aarhus

108. Sa fejn jiena kkonkludejt li l-Qorti Ġenerali żbaljat fl-interpretazzjoni tagħha tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1107/2009, ma kien ikun hemm l-ebda bżonn li nidħol fil-kwistjonijiet imqajma mill-ewwel eċċezzjoni tal-appellant. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx miegħi fuq dan il-punt, jiena ser nagħmel kunsiderazzjonijiet qosra dwar l-argumenti tal-appellant ibbażati fuq il-Konvenzjoni ta' Aarhus.

1. L-argumenti tal-partijiet

109. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-appellant jikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-paragrafi 34 sa 37 tad-digriet appellat, l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus meta eżaminat l-ammissibbiltà tar-rikors. L-appellant jikkunsidra li, minħabba li r-rikors jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-konvenzjoni, il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE *għandhom* jiġu interpretati fid-dawl tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li jirrigwarda l-aċċess għall-ġustizzja. B'rabta ma' dan, l-appellant jibbaża ruħu fuq żewġ rapporti maħruġa fl-2011 u fl-2017 mill-Kumitat għall-Konformità (Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti inkarigat sabiex jistħarreġ l-osservanza ta' din il-konvenzjoni), li skonthom il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-*locus standi*, ma hijiex konformi mal-Artikolu 9(3) u (4) tal-Konvenzjoni[76].

110. Fil-fehma tal-appellant, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkunsidrat iż-żewġ kunċetti ta' "pubbliku" u "awtoritajiet pubbliċi" skont l-Artikolu 2(2) u (4) tal-Konvenzjoni bħala reċiprokament esklużivi, u meta kkunsidrat li l-appellant jaqa' f'dan tal-aħħar. L-appellant huwa tal-fehma li distinzjoni riġida bħal din hija kontra l-formulazzjoni u l-ispirtu tal-Konvenzjoni. Din l-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata wkoll, indirettament, mill-Artikolu 2(2)(b) u (c) li jestendi l-kunċett ta' awtorità pubblika għal ċerti suġġetti privati: jiġifieri, isostni l-appellant, il-kuntrarju għandu jkun veru wkoll.

111. Finalment, l-appellant isostni li, kuntrarjament għal dak iddikjarat fid-digriet appellat, huwa kien spjega b'mod suffiċjenti kif interpretazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jista', f'din il-kawża, ikollha impatt fuq jekk l-appellant huwiex ikkonċernat direttament mir-regolament ikkontestat.

112. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tikkunsidra li l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' rikors għal annullament ma jistgħux jiddependu fuq l-interpretazzjoni tagħhom fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti Ġenerali li, fl-ewwel istanza, l-appellant ma kienx spjega b'mod xieraq u konkret kif id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus seta' jkollhom impatt fuq l-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà f'din il-kawża.

113. Barra minn hekk, id-dipendenza fuq iż-żewġ Rapporti tal-Kumitat għall-Konformità hija, kif issostni l-Kummissjoni, barra minn lokha. L-ewwel nett, dawn ir-rapporti qatt ma ġew formalment adottati mill-Partijiet għall-Konvenzjoni. It-tieni nett, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħhom huwa iktar dejjaq minn dak deskritt mill-appellant. It-tielet nett, ir-rapporti ma jinkludu l-ebda rekwiżit speċifiku għall-estensjoni tal-prerogattivi, li għandhom jingħataw lil organizzizzjonijiet mhux governattivi (iktar 'il quddiem "NGOs") u għaqdiet oħra, u lil awtoritajiet lokali.

76 Rapport tal-Kumitat għall-Konformità, Addendum, Konstatazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-komunikazzjoni ACCC/C/2008/32 (Parti I) dwar l-osservanza mill-Unjoni Ewropea, Adottati fl-14 ta' April 2011; u Konstatazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità fir-rigward tal-komunikazzjoni ACCC/C/2008/32 (Parti II) dwar l-osservanza mill-Unjoni Ewropea, Adottati mill-Kumitat għall-Konformità fis-17 ta' Marzu 2017.

2. Analiżi

114. Il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddikjarat li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma għandux effett dirett[77]. Madankollu, f'din il-kawża, il-qrati tal-Unjoni ma ġewx mitluba jivverifikaw il-validità ta' att tal-Unjoni fil-konfront tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, iżda sempliċement sabiex jinterpretaw ir-regoli tat-Trattat FUE dwar il-*locus standi fid-dawl ta'* din il-konvenzjoni. Għalhekk, (id-dmir ta') interpretazzjoni konformi ma hijiex suġġetta għall-fatt li d-dispożizzjoni inkwistjoni hija direttament effettiva.

115. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-*qrati nazzjonali* għandhom "[jinterpretaw], sa fejn huwa possibbli, ir-regoli proċedurali li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex il-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji ikunu konformi kemm l-għanijiet tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus kif ukoll mal-għan ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni b'tali mod li [organizzazzjonijiet għall-ħarsien tal-ambjent] ikunu jistgħu [jikkontestaw] quddiem qorti deċiżjoni adottata wara proċedura amministrattiva li tista' tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent"[78]. F'ċerti każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja saħansitra ddikjarat li ċerti rekwiżiti li jillimitaw l-aċċess għall-qrati skont id-dritt nazzjonali jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif interpretat fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus[79].

116. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex opportunità tagħmel dikjarazzjonijiet simili fir-rigward tal-proċeduri ġudizzjarji tal-Unjoni, ma nara l-ebda raġuni għalfejn dawn il-prinċipji ma jistgħux ikunu ugwalment validi. Il-Kummissjoni hija korretta li t-trattati internazzjonali ma jistgħux jidderogaw jew jipprevalixxu fuq id-dritt primarju tal-Unjoni. Madankollu, id-dritt primarju jista' u għandu jiġi interpretat, fejn xieraq u sa fejn huwa possibbli, b'mod konformi mad-dritt internazzjonali[80].

117. Jiena għalhekk ma nistax ma naqbilx mal-fehma espressa mill-Avukat Ġenerali Jääskinen li enfasizza l-bżonn għal approċċ konsistenti fuq din il-kwistjoni[81]. Dak li huwa meħtieġ mill-qrati nazzjonali huwa wkoll meħtieġ mill-qrati tal-Unjoni. L-Artikolu 263 TFUE huwa manifestazzjoni tal-prinċipju ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus huwa wkoll, fil-qasam speċifiku tagħha, espressjoni tal-istess prinċipju. Il-Qorti tal-Ġustizzja espressament għamlet ir-rabta bejn dawn id-dispożizzjonijiet fil-ġurisprudenza tagħha[82].

118. Madankollu, ma narax kif dan għandu jkollu effett kbir f'din il-kawża, għal raġuni pjuttost sempliċi.

119. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus tagħmel distinzjoni ċara bejn id-detenturi ta' dritt ("il-pubbliku" jew "il-pubbliku kkonċernat", kif iddefinit fl-Artikolu 2(4) u (5) tagħha), u "awtoritajiet pubbliċi" (iddefiniti fl-Artikolu 2(2) tagħha) li għandhom ċerti obbligi korrispondenti.

77 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill *et* vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Sentenzi tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punti 50 u 51), u tal-15 ta' Marzu 2018, North East Pylon Pressure Campaign u Sheehy (C-470/16, EU:C:2018:185, punt 57).

79 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland, Landesverband Nordrhein-Westfalen (C-115/09, EU:C:2011:289).

80 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-4 ta' Diċembru 1974, Van Duyn (41/74, EU:C:1974:133, punt 22); tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 49); u tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punti 70 u 71).

81 Kawżi magħquda Il-Kunsill u Il-Parlament vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Vereniging Milieudefensie u Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2014:310, punt 132).

82 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et* (C-197/18, EU:C:2019:824, punt 33).

120. Huwa fil-fatt possibbli li ċerti partijiet tal-"pubbliku" okkażjonalment *jinbidlu* u jitqiesu, f'ċirkustanzi speċifiċi, bħala "awtoritajiet pubbliċi" għall-għanijiet tal-Artikolu 2(2)(b) jew (c) tal-Konvenzjoni. Wieħed jista', pereżempju, jimmaġina s-sitwazzjoni ta' persuna (fiżika) li aġenzija għall-protezzjoni ambjentali tkun iddelegatilha ċerti kompiti. Din il-persuna tista' tkun, fl-istess ħin: (i) "awtorità pubblika" meta twettaq, fuq bażi professjonali, il-kompiti ddelegati mill-awtorità pubblika, u (ii) il-"pubbliku kkonċernat" meta taġixxi bħala individwu privat fi kwistjonijiet ambjentali mhux relatati mal-funzjonijiet uffiċjali tagħha.

121. Madankollu, kuntrarjament għal dak sostnut mill-appellant, dan ma jfissirx li x-xenarju kuntrarju huwa ugwalment possibbli. Ma nara l-ebda bażi, fil-Konvenzjoni ta' Aarhus, sabiex nikkunsidra li, f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi, awtorità pubblika – wisq inqas gvern f'livell reġjonali, li jaqa' b'mod ċar taħt l-Artikolu 2(2)(a) tagħha – tista' wkoll issir il-"pubbliku kkonċernat".

122. Dan huwa l-każ speċjalment fir-rigward ta' kwistjoni li fiha l-awtorità taġixxi bħala persuna rregolata mid-dritt pubbliku, kif huwa l-każ b'mod ċar f'dawn il-proċeduri, meta tagħmel projbizzjonijiet u timponi obbligi fuq persuni oħra fir-rigward tal-istess suġġett. Mhux ser nidħol fid-dibattitu bla dubju interessanti dwar jekk persuna legali rregolata mid-dritt pubbliku tistax, skont id-definizzjoni tagħha stess, qatt tkun "il-pubbliku (ikkonċernat)" fir-rigward ta' kwistjonijiet fejn ma tistax taġixxi bil-prerogattivi ta' awtorità pubblika[83]. Dak li huwa, fil-fehma tiegħi, fi kwalunkwe każ eskluż b'mod evidenti huwa li awtorità pubblika tista', fl-istess waqt, tkun "il-pubbliku kkonċernat", fir-rigward tas-suġġett li jaqa' fil-kompetenza tagħha fejn taġixxi bħala l-awtorità pubblika.

123. Dan tal-aħħar huwa preċiżament il-każ tar-Région de Bruxelles-Capitale fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent, ir-regolazzjoni tal-użu tal-pestiċidi, u l-projbizzjoni tal-glifosati fit-territorju tiegħu. F'dawn il-kwistjonijiet, kif ġie rrikonoxxut fit-taqsima preċedenti, ir-reġjun huwa l-awtorità pubblika kompetenti. Dan għalhekk ma jistax ikun, fl-istess ħin, il-pubbliku (ikkonċernat).

124. Għalhekk, minkejja li ma hemm l-ebda dubju li min abbozza l-Konvenzjoni ta' Aarhus kellu f'moħħu l-iktar parteċipazzjoni wiesgħa fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-ambjent u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, ma naħsibx li dan l-għan kien ukoll intiż li jinkludi l-awtoritajiet pubbliċi li jaġixxu ġudizzjarjament kontra xulxin jew anki kontrihom stess.

125. Sabiex nikkonkludi, jiena tal-fehma li, kuntrarjament għat-tieni eċċezzjoni tal-appellant, l-ewwel eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

C. Intermezz, pass lura, u l-istampa globali (mhux sodisfaċenti)

126. Jiena nikkunsidra li l-ewwel eċċezzjoni tal-appellant ma jistax b'mod ċar tintlaqa'. Dan l-argument huwa madankollu indikattiv ta' sitwazzjoni iktar wiesgħa. Fil-fatt, *prima facie*, it-tentattivi ta' awtorità pubblika, li hija inkarigata bl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-livell ta' governanza tagħha (jiġifieri, hija l-awtorità pubblika), sabiex f'daqqa waħda tinvoka strument li kien intiż għal individwi u NGOs (jiġifieri, dawk li, sa ċertu punt, jixtiequ jipproteġu ruħhom kontra din l-awtorità) hija stramba.

127. Mat-tieni ħsieb u b'mod iktar riflettiv, din l-idea tieqaf tkun stramba. Din issir pjuttost inkwetanti. Il-possibbiltajiet għalhekk rimanenti għal reġjun bħal dan li, iffaċjat b'applikazzjoni mekkanika u formalistika ta' regoli dwar *locus standi* li ġew iddisinjati żmien twil ilu għal persuni (primarjament privati) fiżiċi u legali, jaqgħu essenzjalment bejn żewġ alternattivi: ma huwiex Stat Membru *stricto sensu*, li għall-għanijiet ta' aċċess għal qrati tal-Unjoni dejjem fisser il-gvern ċentrali biss, u lanqas ma huwa l-pubbliku (ikkonċernat).

83 B'mod partikolari fl-Istati Membri fejn il-*prinċipju ta' legalità* tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika kollha huwa applikat b'mod rigoruż, li jfisser li l-Istat u l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jaġixxu biss fuq bil-bażi ta', u skont, il-liġi.

128. Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nieqaf u nirrifletti fil-qosor dwar il-kwistjonijiet iktar wiesgħa li jirriżultaw minn dan l-appell. L-argumenti "tekniċi" li ġew diskussi fit-taqsimiet preċedenti ma għandhomx inaqqsu minn ċerti kwistjonijiet li jistħoqqilhom li jiġu diskussi: x'għandhom allura jkunu r-regoli dwar l-aċċess għal reġjuni u entitajiet oħra ffederati tal-Istati Membri għall-qrati tal-Unjoni (1) u kif jista' dan l-aċċess, diskutibbilment iktar wiesa', jidħol fl-istruttura preżenti tal-qrati tal-Unjoni (2).

1. Reġjuni u entitajiet oħra ffederati bħala partijiet quddiem il-qrati tal-Unjoni

129. L-Artikolu 4(2) TUE jiddikjara solennement li "[l]-Unjoni għandha tirrispetta l-ugwaljanza ta' l-Istati Membri quddiem it-Trattati kif ukoll l-identità nazzjonali tagħhom, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali, fundamentali tagħhom, inkluża l-awtonomija lokali u reġjonali."

130. Għalhekk ma hijiex sorpriża li, skont numru ta' dispożizzjonijiet speċifiċi oħra tad-dritt primarju, il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni varji Ewropej, minkejja l-fatt li huma fil-qalba tal-politika ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea [84], għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-ġestjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki tal-Unjoni, inkluż l-ambjent [85]. Ir-reġjuni Ewropej għandhom rwol importanti x'jaqdu fi ħdan il-proġett Ewropew. Il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni permezz tal-Kumitat tar-Reġjuni hija biss eżempju wieħed ta' dan. Barra minn hekk, reġjuni jew entitajiet oħra ffederati tal-Istati Membri jistgħu jkunu responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'oqsma li jaqgħu fil-kompetenza tagħhom.

131. Ma huwiex issuġġerit li fuq din il-bażi, reġjuni jew entitajiet nazzjonali sottostatali għandhom awtomatikament jitqiesu li huma Stat Membru. Mill-perspettiva tat-Trattati, ma humiex l-Istati Membri. Tibqa', madankollu, il-kwistjoni ta' dawk l-entitajiet tal-Istati Membri li skont il-kostituzzjoni nazzjonali jirrappreżentaw, għall-finijiet prattiċi kollha u fir-rigward tal-eżerċizzju ta' ċerti kompetenzi, fil-fatt l-Istat Membru. Xi ngħidu għal kompetenzi speċifiċi u konkreti, iddelegati lil dawn l-entitajiet, li huma jeżerċitaw b'mod awtonomu, li permezz tagħhom dawn l-istess entitajiet jeżerċitaw l-awtorità pubblika tal-Unjoni? Tista' għażla nazzjonali u kostituzzjonali bħal din tiġi akkomodata fi ħdan it-Trattati sa fejn l-aċċess għall-qrati tal-Unjoni huwa kkonċernat?

132. Ċertament li tista'. Fil-fatt, tali għażla, sa ċertu punt, diġà ġiet aċċettata. It-tweġiba hija, fil-fehma tiegħi, sempliċi ħafna: l-*eżami Vlaams Gewest* [86] applikat fi spirtu miftuħ ta' kooperazzjoni leali u sinċiera. Kull darba li, *prima facie*, entità ffederata ta' Stat Membru tingħata, skont il-kostituzzjoni nazzjonali, kompetenzi awtonomi speċifiċi fuq kwistjoni partikolari li hija ma tistax teżerċita kif jidhrilha xieraq bħala konsegwenza diretta ta' miżura tal-Unjoni, din l-entità għandu jkollha *locus standi* sabiex tikkontesta l-att inkwistjoni.

133. Żewġ elementi jistħoqqilhom jiġu enfasizzati b'mod ċar: *prima facie* u fi spirtu miftuħ ta' kooperazzjoni leali u sinċiera.

134. *Prima facie* tfisser sempliċement li jiġi ddeterminat li teżisti kompetenza fil-kwistjoni, li l-eżerċizzju tagħha huwa direttament preklużi: tista' l-entità federali validament tadotta leġiżlazzjoni fuq il-kwistjoni partikolari? Ma hemm l-ebda bżonn, lanqas ma jkun xieraq, li l-qrati tal-Unjoni jidħlu f'diskussjoni ddettaljata fuq it-tqassim tal-kompetenzi fi Stat Membru, billi jidħlu f'dissezzjoni

84 It-Tielet Parti, Titolu XVIII, tat-Trattat FUE.

85 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 39(2) TFUE (Politika Agrikola Komuni), l-Artikolu 46 (suq intern), l-Artikolu 91(2) u l-Artikolu 96(2) TFUE (trasport), l-Artikolu 107(3) TFUE (Għajnuna mill-istati), l-Artikolu 167(1) TFUE (kultura), l-Artikolu 170(2) TFUE (networks trans-Ewropej), u l-Artikolu 191(1) u (3) TFUE (ambjent).

86 Indikat iktar 'il fuq, punti 58 sa 62 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-irqaqat ta' kwistjonijiet li fil-fatt hija l-qorti nazzjonali (kostituzzjonali) li għandha tiddeċiedi. Barra minn hekk, f'termini komparattivi u strutturali, dejjem tendenzjalment ikun hemm xi ħaġa stramba dwar sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju li fiha tiġi ddedikata ħafna iktar enerġija fuq kwistjonijiet ta' ammissibbiltà milli fuq merti.

135. *Bi spirtu miftuħ* ifisser li dawn it-tipi ta' kontestazzjonijiet jintwerew għal dak li effettivament huma: tip *sui generis* ta' *Organstreitigkeiten* intra-Unjoni, li fihom unità tal-awtorità pubblika tal-Istat Membru inkarigata bit-traspożizzjoni u bl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-regolatur effettiv, mhux (sempliċement) destinatarju (ieħor) tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, tixtieq tirreġistra n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħha. Għalhekk, l-applikazzjoni mekkanika u formal(istika) tal-ġurisprudenza restrittiva dwar il-*locus standi* ta' rikorrenti mhux ipprivileġġati għal tali entitajiet hija kunċettwalment żbaljata.

136. Bħala sommarju, b'estrapolazzjoni żgħira tal-kunċetti ewlenin ta' xogħol pjuttost magħruf tat-teorija soċjali: jekk il-*lealtà* hija meħtieġa (jew, fil-fatt, *l-aġenzija*), għandha tingħata *vuċi*, inkella l-*ħruġ* x'aktarx jiġi kkunsidrat [87].

2. Interess dirett u individwali u l-arti tal-kontroll tat-traffiku

137. Hemm, finalment, l-istampa ġenerali tal-aċċess tal-individwi għall-qrati tal-Unjoni. Jiena bl-ebda mod ma qiegħed nissuġġerixxi li l-kategoriji ta' interess dirett jew individwali għandhom jiġu interpretati mill-ġdid b'mod radikali u li l-bibien f'salt wieħed jinfetħu. Fil-fatt, numru ta' sistemi legali, inklużi dawk tal-Istati Membri, jeżiġu prova li l-individwi jkunu affettwati sabiex ikun jistgħu jikkontestaw leġiżlazzjoni applikabbli b'mod ġenerali.

138. Dak li huwa, madankollu, konċernanti hija t-tendenza restrittiva żżejjed fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, speċjalment għaxar snin wara t-Trattat ta' Lisbona, li suppost kellu jnaqqas tal-inqas ftit minn dan it-tħassib. Jekk wieħed jaqra l-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni minn perspettiva kritika, b'mod partikolari d-diversi digrieti tal-Qorti Ġenerali, wieħed ma jistax ħlief ikun sorpriż bil-ħeġġa u bil-kreattività li bihom jiġu identifikati l-assenza ta' interess dirett, jew anki kwalunkwe interess sabiex wieħed jaġixxi. Dan l-appell joffri eżempju ieħor ta' dan l-approċċ u spirtu ġenerali. Iqajjem il-kwistjoni segwenti: jekk anki r-reġjuni tal-Istati Membri ma humiex ikkonċernati b'miżuri tal-Unjoni li huma inkarigati li jimplimentaw u jsostnu, allura min qatt jista' jkun ikkonċernat?

139. Ċertament li, it-tweġiba tradizzjonali kienet li l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni joffri sistema ta' rimedji kompleta. Għalhekk, l-assenza ta' *locus standi* skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma jipprekludix li l-kwistjoni eventwalment titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' domanda preliminari dwar il-validità sottomessa minn qorti nazzjonali [88].

140. Mhux ser nirrepeti l-argumenti dwar għalfejn dan ma huwiex kunċettwalment leġittimu b'mod sħiħ [89]. Lanqas ma jiena ser nidentifika kawżi individwali li fihom din id-domma regolarment tirriżulta li hija żbaljata. Bl-istess mod, ma nixtieqx nerġa' niftaħ id-dibattitu dwar standards doppji u l-portata ta' interpretazzjoni bħal din tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fir-rigward tad-dritt tal-aċċess għal qorti skont l-Artikolu 47 tal-Karta u l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 19(1) TUE.

87 Hirschman, A. O., *Exit, Voice, and Loyalty: Responses to Decline in Firms, Organizations, and States*, Harvard University Press, Cambridge, MA, 1970.

88 Ara reċentement, pereżempju, is-sentenzi tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punti 66 sa 68 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-13 ta' Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni (C-384/16 P, EU:C:2018:176, punti 112 sa 114 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 B'numru tal-argumenti konvinċenti mressqa fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs f'Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill (C-50/00 P, EU:C:2002:197) għadhom validi sal-lum.

141. Minflok, ser sempliċement nikkonkludi b'żewġ punti strutturali li jimmilitaw favur interpretazzjoni iktar miftuħa tal-kriterji ta' interess dirett u individwali tal-inqas għal ċerti kategoriji ta' rikorrenti mhux ipprivileġġati *atipiċi*, bħar-reġjuni f'kawżi bħal din.

142. L-ewwel nett, hemm l-arkitettura l-ġdida tal-qrati tal-Unjoni. Ir-restrizzjoni tal-aċċess dirett permezz tal-ġurisprudenza, filwaqt li kien permess b'mod liberali dak indirett permezz tal-proċedura tad-domanda preliminari, forsi kienet riċetta tajba fil-bidu tas-snin 2000. Madankollu, bl-istruttura radikalment mibdula tal-qrati tal-Unjoni madwar 20 sena wara [90], l-insistenza li jinżamm aċċess limitat permezz tal-bieb li għandu l-kapaċità, filwaqt li l-għoti ta' aċċess bla limiti fuq l-istess kwistjonijiet permezz tal-bieb l-ieħor li, illum, għandu kapaċità limitata, żgur li ser twassal għal konġestjoni u tnaqqis evidenti tal-kwalità tat-traffiku.

143. It-tieni nett, dan għandu jkun il-każ, b'mod partikolari, fi kwistjonijiet kumplessi, regolatorji u tekniċi, li jeħtieġu ġabra pjuttost estensiva ta' evidenza, opinjoni ta' esperti, jew data (xjentifika). Il-kwistjoni ta' sigurtà ta' ċerti pestiċidi hija eżempju prinċipali f'din il- kategorija. Ma jkunx aħjar jekk kwistjoni bħal din l-ewwel tiġi diskussa fil-profond fuq il-merti quddiem qorti tal-ewwel istanza, il-Qorti Ġenerali, bl-evidenza u bid-data kollha miġbura u bl-intervenjenti interessati mismugħa, qabel ma potenzjalment titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell? Din it-triq ma tkunx preferibbli minflok jiġu indirizzati kwistjonijiet simili li, finalment, jikkonċernaw il-validità ta' miżuri regolatorji tal-Unjoni, fi proċedura ta' domanda preliminari?

144. Huwa partikolarment f'każijiet kumplessi bħal dawn li d-domma standard tat-triq alternattiva kompletament operazzjonali, fil-forma ta' talba għal domanda preliminari, tiltaqa' ma' diffikultajiet serji. Jista' jitfakkar li f'deċiżjonijiet preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiġbor l-ebda evidenza, kważi qatt ma tisma' xhieda ta' esperti, u l-fatti jibqgħu esklużivament f'idejn il-qorti tar-rinviju sabiex tistabbilixxi (jew pjuttost frekwentement, f'kawżi tekniċi kumplessi bħal dawn, sfortunatament sabiex ma jiġux stabbiliti). Bħala konsegwenza tar-restrizzjonijiet fuq in-numru ta' intervenjenti potenzjali, il-Qorti tal-Ġustizzja ta' spiss ikollha tiddeċiedi fuq kwistjonijiet xjentifiċi u fattwali ħafna bi ftit data jew mill-partijiet intervenjenti jew mill-qorti tar-rinviju.

145. Ma jkunx, għaldaqstant, iktar raġonevoli li kawżi simili jitħallew jibdew quddiem il-Qorti Ġenerali, bl-evidenza u bix-xjenza kollha neċessarji miġbura u mismugħa b'mod xieraq, minflok ma tinfetaħ il-kwistjoni tal-glifosat indirettament permezz ta' domanda preliminari [91]? Lil hinn mill-kwistjoni ta' għarfien espert u profondità neċessarja tal-argument, hemm ukoll il-kwistjonijiet iktar wiesgħa ta' aċċess u leġittimità: kif jista' reġjun inkarigat bil-kompetenzi fi kwistjonijiet ambjentali ma jkollu l-ebda *locus standi* sabiex jikkontesta l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-glifosati, filwaqt li individwi li jkissru t-twieqi u l-vetrini tal-ħwienet ikollhom kemm interess kif ukoll *locus standi* [92]?

90 Wara l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14, rettifika fil-ĠU 2016, L 40, p. 16).

91 Ara f'dan ir-rigward it-talba għal deċiżjoni preliminari (pjuttost qasira) magħmula mit-*tribunal correctionnel de Foix* (il-Qorti Kriminali ta' Foix, Franza), li tat lok għas-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019, Blaise *et* (C-616/17, EU:C:2019:800). F'dan il-każ, il-fatt li Mathieu Blaise u individwi oħra daħlu fi ħwienet fid-dipartiment ta' Ariège (Franza) u sfiguraw kontenituri ta' erbiċidi li kien fihom il-glifosat, kif ukoll vetrini tal-ħġieġ, wassal għal proċeduri kriminali kontra dawn l-individwi fuq akkużi ta' sfigurazzjoni jew ħsara għall-proprjetà ta' ħaddieħor. Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja evalwat numru ta' kwistjonijiet pjuttost kumplessi dwar il-validità tar-Regolament Nru 1107/2009 fil-kuntest ta' awtorizzazzjoni tal-glifosat bħala sustanza attiva.

92 Forsi ma huwiex immedjatament ovvju x'effett ikollu stħarriġ tal-validità tar-Regolament Nru 1107/2009 fil-*proċeduri kriminali nazzjonali għal distruzzjoni volontarja tal-proprjetà*, speċjalment minħabba li l-awtorizzazzjoni inkwistjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludi l-glifosat ingħatat mir-Repubblika Franċiża u b'mod ċar ma tirriżultax direttament minn ebda att tad-dritt tal-Unjoni. Ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019, Blaise *et* (C-616/17, EU:C:2019:800, punti 31 sa 39).

146. Ċertament, dawn huma żewġ tipi differenti ta' proċeduri. Madankollu, hija preċiżament l-istampa globali, inkluża l-interazzjoni reċiproka bejn it-tipi ta' proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-aċċess għaliha, li hija inkwetanti. Ikun jinqeda' aħjar ir-Région de Bruxelles-Capitale jekk, minflok ma debitament jippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, huwa (naturalment, b'mod totalment ipotetiku) jagħti struzzjonijiet lill-impjegati tiegħu sabiex joħorġu jivvandalizzaw ftit ħwienet fi Brussell [93]?

147. Bħala konklużjoni, jekk jintrabtu flimkien iż-żewġ punti ġenerali magħmula f'din it-taqsima, minflok ma wieħed jistenna t-twettiq tal-possibbiltà stabbilita fl-Artikolu 256(3) TFUE, li l-kumplessità tagħha tagħmilha xenarju improbabbli għall-futur immedjat [94], l-alternattiva vijabbli fuq medda ta' żmien qasir u medju hija li dawn it-tipi ta' kawżi jiġu diretti quddiem il-Qorti Ġenerali, permezz ta' interpretazzjoni iktar raġonevoli tal-kriterji tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fir-rigward ta' mill-inqas ftit rikorrenti mhux ipprivileġġati, bħal dawk f'dawn il-proċeduri.

D. Konsegwenzi tal-evalwazzjoni: dispożizzjoni tal-kawża preżenti

148. Jiena wasalt għall-konklużjoni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddikjarat ir-rikors fl-ewwel istanza bħala inammissibbli fuq il-bażi li l-appellant ma kienx *direttament ikkonċernat*. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tasal għall-istess konklużjoni, hija jkollha teżamina jekk il-kundizzjonijiet l-oħra għal-*locus standi* tal-appellant skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE humiex issodisfatti. Fil-fatt, jekk il-kundizzjonijiet l-oħra għal-*locus standi* stabbiliti f'din id-dispożizzjoni ma humiex issodisfatti, id-digriet appellat ikollu jiġi kkonfermat, u l-appell miċħud, minkejja l-iżbalji ta' dritt magħmula mill-Qorti Ġenerali [95].

1. Ammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza

149. L-appellant isostni li huwa kien kemm direttament kif ukoll individwalment ikkonċernat bir-regolament ikkontestat. Huwa jsostni wkoll li dan ir-regolament ikkostitwixxa att regolatorju li ma involviex miżuri ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tikkontesta ż-żewġ argumenti.

150. Jiena ser nevalwa dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet waħda wara l-oħra.

a) Att ta' interess dirett u individwali

151. Jiena diġà fakkart il-ġurisprudenza li skontha entità reġjonali jew lokali hija kkonċernata – kemm direttament u individwalment – b'att tal-Unjoni meta hija tiġi fdata b'kompetenzi li huma eżerċitati b'mod awtonomu fil-limiti tas-sistema kostituzzjonali nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, u l-att tal-Unjoni jipprekludi lil din l-entità milli teżerċita dawn il-kompetenzi kif jidhrilha xieraq (l-eżami "*Vlaams Gewest*") [96].

93 F'dan ir-rigward, l-argument li "ħadd ma għandu jkun meħtieġ jikser il-liġi sabiex jaċċessa qorti", diskuss fil-konklużjonijiet diġà ċċitati tal-Avukat Ġenerali Jacobs f'Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill (C-50/00 P, EU:C:2002:197, punt 43) jagħmel ċirku sħiħ u pjuttost mhux mistenni.

94 Ara l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-Rapport ippreżentat skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, p. 4 sa 7 (onlajn fuq: https://curia.europa.eu).

95 Ara pereżempju, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Mamoli Robinetteria vs Il-Kummissjoni (C-619/13 P, EU:C:2017:50, punt 107 u l-ġurisprudenza ċċitata).

96 Ara iktar 'il fuq, punti 58 sa 62.

152. Jiena spjegajt ukoll għalfejn dan l-eżami jidher li ġie ssodisfatt f'din il-kawża. Jiena mbagħad enfasizzajt kif l-impatt fuq il-prerogatttivi tal-appellant irriżulta *awtomatikament* mir-regolament ikkontestat [97].

153. Sa fejn dan ma jkunx suffiċjenti għall-għanijiet tal-eżami *Vlaams Gewest*, li naħseb li għandu jkun, l-uniku element li potenzjalment jifdal ikun kif ir-regolament ikkontestat jibdel is-sitwazzjoni legali tal-appellant *minħabba s-sitwazzjoni speċifika* ta' dan tal-aħħar (jiġifieri, il-kriterju ta' interess *individwali*).

154. Il-kompetenzi mogħtija lir-reġjuni fil-Belġju sabiex jirregolaw l-użu tal-pestiċidi fit-territorju rispettiv tagħhom huma, ovvjament, speċifiċi għall-ordinament ġuridiku Belġjan. Is-sitwazzjoni hija differenti fi (tal-inqas ċerti) Stati Membri l-oħra. Mhux kull reġjun jew entità lokali oħra fl-Istati Membri l-oħra għandhom kompetenzi awtonomi komparabbli. L-entitajiet reġjonali jew lokali b'kompetenzi speċifiċi sabiex jirregolaw l-użu ta' pestiċidi fit-territorji rispettivi tagħhom jikkostitwixxu grupp ta' persuni (ġuridiċi) magħluq, predeterminat, u ċertament pjuttost żgħir.

155. L-istess loġika tapplika fir-rigward tat-tipi l-oħra ta' effetti prodotti mir-regolament ikkontestat fuq is-sitwazzjoni tal-appellant. B'mod partikolari, is-sitwazzjoni legali tal-appellant hija mibdula bl-istess mod mill-fatt li r-regolament ikkontestat jagħti ċerti drittijiet lil kumpanniji jew individwi (*inter alia*, il-produtturi u assoċjazzjonijiet ta' produtturi tas-sustanza attiva, u d-detenturi tal-awtorizzazzjoni). Pereżempju, detenturi tal-awtorizzazzjoni li japplikaw għat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet tagħhom għandhom id-dritt li jiksbu deċiżjoni mill-awtoritajiet fi 12-il xahar u, fejn ikun neċessarju, ikollhom il-validità tal-awtorizzazzjonijiet tagħhom ikkonservata għall-perijodu meħtieġ għal dan l-għan [98]. Dawn id-drittijiet jistgħu, f'kull evidenza, jiġu invokati kontra l-awtoritajiet Belġjani responsabbli li, għall-kuntrarju tal-Istati Membri l-oħra, jinkludu entitajiet reġjonali minħabba l-kompetenza speċifika tagħhom fir-regolazzjoni tal-pestiċidi.

156. Barra minn hekk, ir-regolament ikkontestat jiskatta wkoll obbligu proċedurali mill-appellant. Il-gvern federali *ma jistax* jiddeċiedi dwar awtorizzazzjonijiet mingħajr ma jisma' lill-Kumitat ta' Approvazzjoni, li tiegħu l-appellant huwa membru. Għal darba oħra, il-bżonn għall-awtoritajiet tar-Région de Bruxelles-Capitale sabiex, *inter alia*, jibdew azzjoni ta' segwitu, jagħtu istruzzjonijiet għall-fajls rilevanti, u jipparteċipaw fil-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet, huwa r-riżultat tal-istruttura kostituzzjonali tal-Belġju.

157. Sa fejn din l-istruttura u loġika kollha tkun tista' fil-fatt tiġi applikata għar-regolaturi, minflok għad-destinatarji tal-leġiżlazzjoni, li għalihom hija intiża [99], dawn l-elementi, kemm individwalment u (iktar minn hekk) meta kkunsidrati flimkien, jiddistingwu b'mod ċar l-appellant minn kwalunkwe awtoritajiet reġjonali jew lokali oħra fl-Unjoni li jistgħu jiġu affettwati biss indirettament, sa fejn dawn huma inkarigati bil-missjoni li jieħdu ħsieb il-benesseri ġenerali taċ-ċittadini tagħhom jew l-integrità tat-territorju tagħhom. *A fortiori*, dawn l-elementi jiddifferenzjaw lill-appellant minn persuni oħra ġuridiċi jew fiżiċi li jaġixxu fil-qasam ambjentali, jew li huma potenzjalment affettwati mir-regolament ikkontestat (bħal ċittadini li huma esposti għas-sustanza).

158. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li l-appellant huwa kemm direttament kif ukoll individwalment ikkonċernat mir-regolament ikkontestat, u għalhekk għandu *locus standi* sabiex jikkontesta r-regolament skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Madankollu, għal raġunijiet ta' kompletezza, ser nevalwa wkoll il-*locus standi* tiegħu skont is-sitwazzjoni skont it-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

97 Ara iktar 'il fuq, punti 65 sa 81.

98 L-Artikolu 43(6) tar-Regolament Nru 1107/2009, diskuss fid-dettall iktar 'il fuq fil-punti 83 u 87.

99 Kif indikat iktar 'il fuq fil-punti 129 sa 136.

b) Att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni

159. L-ewwel nett, huwa pjuttost ċar li r-regolament ikkontestat huwa "att regolatorju" fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

160. Skont ġurisprudenza stabbilita, dan il-kunċett "ikopri l-atti mhux leġiżlattivi ta' portata ġenerali kollha"[100]. Ir-regolament ikkontestat jissodisfa dan ir-rekwiżit b'mod ċar. Ma huwiex att leġiżlattiv, iżda att ta' implimentazzjoni fis-sens tal-Artikolu 291 TFUE, adottat mill-Kummissjoni bl-intenzjoni li jiġi implimentat ir-Regolament Nru 1107/2009. Barra minn hekk, ir-regolament ikkontestat ikopri sitwazzjonijiet li huma ddeterminati oġġettivament, u jipproduċi effetti legali fir-rigward ta' kategoriji ta' persuni identifikati b'mod ġenerali u astratt[101].

161. It-tieni nett, jiena wkoll tal-fehma li r-regolament ikkontestat ma "jinvolvix miżura ta' implimentazzjoni" fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

162. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-kwistjoni jekk att regolatorju jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni għandha tiġi evalwata skont is-*sitwazzjoni tal-persuna* li tkun qiegħda tippreżenta r-rikors u s-*suġġett* ta' dan ir-rikors[102]. Dan ifisser li huwa irrilevanti jekk l-att inkwistjoni jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' *persuni oħra*[103], u jekk *partijiet oħra* tal-att ikkontestat, li ma humiex ikkontestati mir-rikorrent, jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni[104]. Dak li huwa kruċjali, f'dan il-kuntest, huwa jekk l-effetti legali speċifiċi li jibdlu s-sitwazzjoni tar-rikorrent jimmaterjalizzawx fil-konfront ta' din il-persuna b'riżultat tal-att tal-Unjoni kkontestat, jew ta' kwalunkwe att ieħor adottat mill-Unjoni jew Stat Membru inkwistjoni[105].

163. F'dan l-isfond, fid-dawl tas-*sitwazzjoni* tal-appellant u tas-*suġġett* ta' dawn il-proċeduri, ir-regolament ikkontestat ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni għall-għanijiet tat-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Kif repetutament imsemmi f'dawn il-konklużjonijiet, l-appellant ma huwa qiegħed jikkontesta l-ebda awtorizzazzjoni speċifika li tista' tingħata (jew tiġi mġedda) lil prodott wieħed jew iktar li jinkludi l-glifosat. L-appellant qiegħed jikkontesta s-sigurtà tas-sustanza skont l-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 1107/2009, aspett li dwaru r-regolament ikkontestat jistabbilixxi determinazzjoni finali. L-ebda miżura ta' implimentazzjoni ma hija neċessarja jew ma hija stabbilita f'dan ir-rigward.

164. Il-fatt li miżuri ta' implimentazzjoni għar-regolament ikkontestat għandhom jiġu adottati fil-konfront ta' persuni oħra (pereżempju, detenturi ta' awtorizzazzjoni u produtturi tal-glifosat) jew fir-rigward ta' aspetti oħra tar-regolament ikkontestat (b'mod partikolari, is-sigurtà tal-prodotti speċifiċi li fihom l-glifosat) ma għandu, skont il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq, l-ebda rilevanza.

165. Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti. Hija ssostni li l-ġurisprudenza reċenti tappoġġja interpretazzjoni partikolarment restrittiva tal-espressjoni "ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni".

100 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 60), u tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 28).

101 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-11 ta' Mejju 2017, Deza vs ECHA (T-115/15, EU:T:2017:329, punti 32 sa 34), u tat-13 ta' Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni (C-384/16 P, EU:C:2018:176, punt 95).

102 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, *Telefónica* vs Il-Kummissjoni (C-274/12 P, EU:C:2013:852, punti 30 u 31).

103 Ara s-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punti 63 sa 65), u tat-13 ta' Diċembru 2018, Ville de Paris, Ville de Bruxelles u Ayuntamiento de Madrid vs Il-Kummissjoni (T-339/16, T-352/16 u T-391/16, EU:T:2018:927, punt 40).

104 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, *Telefónica* vs Il-Kummissjoni (C-274/12 P, EU:C:2013:852, punt 31).

105 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni (C-384/16 P, EU:C:2018:176, punti 43 u 45), u tat-18 ta' Ottubru 2018, Internacional de Productos Metálicos vs Il-Kummissjoni (C-145/17 P, EU:C:2018:839, punti 56 u 57).

166. Jiena naqbel mal-punt ta' tluq tal-Kummissjoni, iżda ma ninterpretax il-ġurisprudenza msemmija mill-Kummissjoni bl-istess mod u għalhekk ma naqbilx mal-konsegwenzi li l-Kummissjoni tislet minnha għal din il-kawża.

167. L-ewwel nett, jiena naqbel li din il-kundizzjoni li skontha l-att ikkontestat ma jistax "jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni" ma tistax tiġi mfixkla ma' dik ta' "interess dirett"[106]. Iż-żewġ kundizzjonijiet fil-fatt għandhom l-istess għan: li jiġi evitat kontenzjuż mhux neċessarju quddiem il-qrati tal-Unjoni filwaqt li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva għall-persuni kollha direttament affettwati minn miżura tal-Unjoni[107]. Il-kamp ta' applikazzjoni u t-tifsira tagħhom madankollu ma humiex identiċi.

168. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-espressjoni "li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni", għandha tiġi interpretata *fid-dawl tal-għan ta' din id-dispożizzjoni*, jiġifieri, kif jirriżulta mill-oriġini tagħha, li jiġi evitat li individwu jkollu jikser il-liġi sabiex ikun jista' jkollu aċċess għal qorti. Issa, meta att regolatorju jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali ta' persuna fiżika jew ġuridika mingħajr ma jeħtieġ miżuri ta' implimentazzjoni, ikun hemm ir-riskju li din tal-aħħar tiġi mċaħħda minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva jekk ma kellhiex rimedju quddiem il-qrati tal-Unjoni sabiex tikkontesta l-legalità ta' dan l-att regolatorju. Fl-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni, persuna fiżika jew ġuridika, minkejja li tkun ikkonċernata direttament mill-att inkwistjoni, ma tkunx f'pożizzjoni li tikseb stħarriġ ġudizzjarju ta' dan l-att ħlief wara li tkun kisret id-dispożizzjonijiet tiegħu, billi tinvoka l-illegalità ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-kuntest tal-proċeduri miftuħa kontra tagħha quddiem il-qrati nazzjonali[108].

169. Jiena naqbel ukoll mal-Kummissjoni li s-segwenti hija differenza prinċipali bejn dawn iż-żewġ kunċetti: b'differenza mill-interess dirett, is-sempliċi eżistenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni tal-att tal-Unjoni, anki fejn dawn il-miżuri huma ta' natura purament mekkanika u ma jifdal l-ebda diskrezzjoni f'dan ir-rigward għad-destinatarji tal-att tal-Unjoni, hija suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li l-kundizzjoni skont it-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma hijiex issodisfatta[109]. Fi kliem ieħor, l-att ikkontestat tal-Unjoni għandu, fih innifsu, jagħti lok għall-effetti legali li huma s-suġġett tal-ilment[110]. Għaldaqstant, il-kundizzjoni relatata mal-assenza ta' miżuri ta' implimentazzjoni ssegwi l-loġika fil-bażi tal-kundizzjoni ta' interess dirett, iżda tagħmel din il-kundizzjoni sa ċertu punt iktar restrittiva[111].

170. Ir-raġuni wara l-għażla kostituzzjonali sabiex din il-kundizzjoni tiġi inkluża fit-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE hija, probabbilment, sabiex jiġi bbilanċjat il-fatt li (i) rikors dirett quddiem il-qrati tal-Unjoni jsir ammissibbli kontra *atti ta' applikazzjoni ġenerali* (jiġifieri, potenzjalment taffettwa numru kbir ta' individwi) u (ii) il-*locus standi* jiġi estiż għal *kwalunkwe* persuna direttament ikkonċernata b'dawn l-atti (minħabba li l-kundizzjoni ta' interess individwali ġiet irrevokata f'dawn is-sitwazzjonijiet). Il-ħtieġa li tiġi evitata *actio popularis* quddiem il-qrati tal-Unjoni għalhekk wasslet lil dawk li abbozzaw it-Trattat ta' Lisbona sabiex isaħħu r-rekwiżit li l-effetti legali tal-att ikkontestat minn rikorrent isegwu preċiżament u immedjatament mill-att tal-Unjoni kkontestat.

106 Digriet tal-14 ta' Lulju 2015, Forgital Italy vs Il-Kunsill (C-84/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2015:517, punt 43).

107 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 93).

108 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

109 Ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2018, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni (C-244/16 P, EU:C:2018:177, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata), u d-digriet tal-4 ta' Ġunju 2012, Eurofer vs Il-Kummissjoni (T-381/11, EU:T:2012:273, punt 59).

110 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2015, Canon Europa vs Il-Kummissjoni (C-552/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:804, punt 48).

111 Ara s-sentenza tas-7 ta' Lulju 2015, Federcoopesca *et* vs Il-Kummissjoni (T-312/14, EU:T:2015:472, punti 34 sa 37).

171. Madankollu, din il-kundizzjoni ma tistax tinqaleb u tiġi interpretata (mill-ġdid) b'mod li fil-fatt iwassal għal saħansitra inqas aċċess minn qabel, u għaldaqstant iċaħħad din l-emenda espliċita tat-Trattat minn kwalunkwe kontenut. Dan ikun imur kontra r-rieda ċara tal-leġiżlatur kostituzzjonali tal-Unjoni [112].

172. Jiena għaldaqstant ma naqbilx mal-interpretazzjoni proposta mill-Kummissjoni tal-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Minflok, naqbel totalment mal-fehma tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón li sostna li "atti […] mhux sostanzjali, anċillari" ma jistgħux jikkostitwixxu miżuri ta' implimentazzjoni. Il-qrati tal-Unjoni minflok għandhom jikkunsidraw jekk l-att ikkontestat huwiex "kompletament u [fih innifsu operattiv]" fid-dawl tal-għan, kontenut u l-effetti tiegħu fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrent [113].

173. Jiena nemmen li l-ġurisprudenza fil-biċċa l-kbira tirrifletti din il-pożizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamiltha ċara li huwa irrilevanti jekk l-att ikkontestat inkwistjoni jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' persuni oħra, u jekk partijiet oħra tal-att ikkontestat, li ma humiex ikkontestati mir-rikorrent, jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni [114]. Barra minn hekk, f'Montessori, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-rikorrenti kellhom *locus standi* skont it-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE sa fejn huma ma setgħux jiġi mistennija li joħolqu kontenzjuż artifiċjali sabiex jikkontestaw atti nazzjonali li, li kieku ma kienx għall-ksur tad-dritt, qatt ma kienu jsiru jeżistu, u għaldaqstant jiskattaw talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-validità tal-att bażiku tal-Unjoni [115].

174. L-istess loġika ġiet segwita, f'numru ta' kawżi reċenti, mill-Qorti Ġenerali. F'Gazprom Neft, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li jkun artifiċjali jew eċċessiv li jiġi rikjest minn operatur li jitlob miżura ta' implimentazzjoni bl-uniku skop li jkun jista' jikkontesta din il-miżura quddiem il-qrati nazzjonali, meta jkun evidenti li tali talba ser neċessarjament tirriżulta f'rifjut, b'tali mod li hija ma kinitx tiġi ppreżentata fil-kors normali tan-negozju [116]. Barra minn hekk, f'Tilly-Sabco u Doux, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li huma biss miżuri li jiġu adottati mill-Unjoni jew minn qrati nazzjonali *fil-kors normali tal-kawżi* li jistgħu jikkostitwixxu miżuri ta' implimentazzjoni fis-sens tat-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Jekk, fil-kors normali tal-kawżi, dawn l-awtoritajiet ma jadottaw l-ebda miżura sabiex jimplimentaw l-att regolatorju, u sabiex jispeċifikaw il-konsegwenzi tiegħu fil-konfront tar-rikorrent, dan l-att ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni [117].

112 Ara, b'mod partikolari, in-nota ta' komunikazzjoni tal-Praesidium lill-Konvenzjoni Ewropea (CONV 734/03) tat-12 ta' Mejju 2003, p. 20: "[…] il-Praesidium jirrakkomanda li l-kundizzjonijiet għall-istituzzjoni ta' proċeduri diretti *jinfetħu*" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Enfasi miżjuda minni. Ara wkoll is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Ville de Paris, Ville de Bruxelles u Ayuntamiento de Madrid vs Il-Kummissjoni (T-339/16, T-352/16 u T-391/16, EU:T:2018:927, punt 40). Fl-istudji legali, fost il-ħafna twissijiet kontra interpretazzjoni restrittiva żżejjed tal-emenda tat-Trattat, ara pereżempju Wildemeersch, J., "Standing Requirements of Private Parties in Actions for Annulment Concerning Regulatory Acts: The State of Affairs 10 Years After the Entry into Force of the Lisbon Treaty", fi Sarmiento *et al* (edituri), *Yearbook on Procedural Law of the Court of Justice of the European Union: First Edition – 2019*, MPILux Research Paper 2020, p. 49 sa 73, f'62 sa 64; jew Rhimes, M., "The EU Courts stand their ground: why are the standing rules for direct actions still so restrictive?", *European Journal of Legal Studies 1*, Vol. 9, Nru. 1, 2016, p. 103 sa 172, f'116.

113 Konklużjoni tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fi T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni (C-456/13 P, EU:C:2014:2283, punt 32). Ara wkoll is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Microban International u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (T-262/10, EU:T:2011:623, punt 29).

114 Ara iktar 'il fuq, il-punti 162 sa 164.

115 Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 66). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fl-istess kawżi (EU:C:2018:229, punt 71).

116 Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Gazprom Neft vs Il-Kunsill (T-735/14 u T-799/14, EU:T:2018:548, punt 102).

117 Sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Tilly-Sabco vs Il-Kummissjoni (T-397/13, EU:T:2016:8, punt 43) u Doux vs Il-Kummissjoni (T-434/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:7, punt 44).

175. Bħala sommarju, it-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE kienet inkluża fit-Trattat sabiex timla l-vojt fis-sistema ta' rimedji ġudizzjarji fir-rigward ta' dawk il-kawżi kollha fejn l-istħarriġ indirett ta' atti tal-Unjoni (jiġifieri, permezz tal-proċedura ta' domanda preliminari) huwa: (i) impossibbli minħabba li l-att tal-Unjoni huwa awto-eżegwibbli (bħal f'Microban [118]), jew (ii) purament artifiċjali u mhux raġonevoli minħabba li ma hemm l-ebda miżuri ta' implimentazzjoni fil-konfront tar-rikorrent (bħal f'Montessori, Gazprom, Tilly-Sabco u Doux [119]) u/jew fir-rigward tal-effetti kkontestati mir-rikorrent (is-sitwazzjoni prevista f'Telefónica [120]).

176. Essenzjalment, din il-kawża jew taqa' fl-ewwel grupp deskritt fl-ewwel punt (fir-rigward tad-determinazzjoni dwar is-sigurtà tal-glifosat ma hemm l-ebda miżura ta' implimentazzjoni) jew, fi kwalunkwe każ, fit-tieni grupp (l-appellant ikollu artifiċjalment jikkontesta xi deċiżjoni tal-federazzjoni adottata f'dan il-kuntest sabiex ikollu l-possibbiltà jqajjem il-kwistjoni tal-validità tar-regolament ikkontestat fil-proċedura nazzjonali, bit-tama li l-qorti tar-rinviju tagħmel domanda preliminari dwar din il-kwistjoni skont l-Artikolu 267 TFUE).

177. Għal dawn ir-raġunijiet, jiena tal-fehma li l-appellant ukoll għandu *locus standi* sabiex jikkontesta r-regolament ikkontestat skont it-tielet parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE: ir-regolament ikkontestat huwa att regolatorju li ma jinvolvi l-ebda miżura ta' implimentazzjoni.

E. Rinviju lill-Qorti Ġenerali

178. Wara li kkonkludejt favur l-ammissibbiltà tar-rikors, u sa fejn il-merti ta' dan ir-rikors ma ġewx eżaminati fl-ewwel istanza, il-kawża għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u l-ispejjeż jiġu rriżervati.

179. Madankollu, jiena nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-materjal neċessarju kollu quddiemha sabiex tkun tista' tagħti deċiżjoni li biha tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ta' inammissibbiltà magħmula mill-Kummissjoni fl-ewwel istanza. Fl-interess ta' effiċjenza u ekonomija tal-proċedura, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu din it-triq.

V. Konklużjoni

180. Nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla d-digriet tat-28 ta' Frar 2019, Région de Bruxelles-Capitale vs Il-Kummissjoni (T-178/18, mhux ippubblikat, EU:T:2019:130);

– tiddikjara r-rikors għal annullament tal-appellant bħala ammissibbli;

– tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni fuq il-mertu; u

– tordna li l-ispejjeż jiġu rriżervati.

118 Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Microban International u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (T-262/10, EU:T:2011:623). Ara wkoll is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2013, Bloufin Touna Ellas Naftiki Etaireia *et* vs Il-Kummissjoni (T-367/10, mhux ippubblikata, EU:T:2013:97), u tat-12 ta' Ġunju 2015, Health Food Manufacturers' Association *et* vs Il-Kummissjoni (T-296/12, EU:T:2015:375).

119 Ara, *supra*, punti 173 sa 174 ta' dawn il-konklużjonijiet.

120 Ara *supra*, punt 162 ta' dawn il-konklużjonijiet.